IL-QORTI EWROPEA
TAL-AWDITURI

ISSN 1831-0907

Ir-Rapport Speċjali Nru 2 // 2012

# L-ISTRUMENTI FINANZJARJI GĦALL-SMEs KOFINANZJATI MILL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

MT

Ir-Rapport Speċjali Nru 2 // 2012

# L-ISTRUMENTI FINANZJARJI GĦALL-SMEs KOFINANZJATI MILL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, it-TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Ir-Rapport Speċjali Nru 2 // 2012

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu)

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012

ISBN 978-92-9237-496-9
doi:10.2865/61468

© L-Unjoni Ewropea, 2012
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

# WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I–VIII SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–17 INTRODUZZJONI

4–5 IL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI TAL-UE

6 IS-SOSTENN TAL-UE PERMEZZ TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA LILL-SMES GĦAJR IL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI

7–11 IS-SOSTENN TAL-FEŻR LILL-SMES PERMEZZ TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA

12–17 IL-MEKKANIŻMI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

18–25 L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

26–115 OSSERVAZZJONIJIET

26–40 IL-KWALITÀ TAL-VALUTAZZJONI TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT TAL-SMES

29–30 2000–06: ĠENERALMENT EBDA VALUTAZZJONIJIET TAD-DISKREPANZA

31–40 2007–13: NUQQASIJIET SINIFIKANTI

41–83 KEMM HU XIERAQ IL-QAFAS TAL-FEŻR GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

43–65 IN-NATURA SPEĊIFIKA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI DIFFERENTI MHIJIEX IKKUNSIDRATA B'MOD SUFFIĊJENTI

66–77 IL-KARATTERISTIĊI PREŻENTI TAL-FEŻR FIXKLU L-ĠESTJONI FINANZJARJA SODA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

78–83 IS-SISTEMI TA' MONITORAĠĠ U INFORMAZZJONI TAL-KUMMISSJONI U TAL-ISTATI MEMBRI MA JINDIRIZZAWX L-ISPEĊIFIĊITAJIET TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

84–115 L-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI FIL-KISBA TAR-RIŻULTATI

85–93 DEWMIEN FUQ FIRXA WIESGĦA

94–101 L-EFFETTI TA' TNAQQIS

102–115 REKORD FQIR TAL-FEŻR FL-ATTRAZZJONI TA' FLUS PRIVATI

116–124 IL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET

116–118 IL-KWALITÀ TAL-VALUTAZZJONI TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT TAL-SMES

119–121 KEMM HU XIERAQ IL-QAFAS TAL-FEŻR GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

122–124 L-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI FIL-KISBA TAR-RIŻULTATI

L-ANNESS I — L-IMPENJI U L-PAGAMENTI LILL-ISTRUMENTI TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA

L-ANNESS II — ĦARSA ĠENERALI SKEMATIKA TAL-KUNĊETT TA' INGRANAĠĠ HEKK KIF APPLIKAT FL-ISTRUMENTI TA' EKWITÀ, SELF U GARANZIJA

L-ANNESS III — EŻEMPJI TA' STRUMENTI U MEZZI LI HUMA KUMMERĊJALMENT DISPONIBBLI

IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

# GLOSSARJU

**Awtorità Ġestjonarja**: L-awtorità pubblika tal-Istat Membru li ġġesti l-Fondi Strutturali (inkluż il-FEŻR) f'isem l-Istat Membru.

**BEI**: Il-Bank Ewropew tal-Investiment.

**BERŻ**: Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

**CEB**: Il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa.

**CIP**: Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni. Ara EIP hawn taħt.

**Dejjem fis-seħħ (evergreen)**: Strument finanzjarju jew fond mingħajr skadenza jew terminu fiss.

**DĠ**: Direttorat Ġenerali.

**Diskrepanza fil-finanzjament**: Nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u l-provvista tar-riżorsi finanzjarji. Fil-kuntest ta' din il-verifika, id-diskrepanza fil-finanzjament għandha x'taqsam biss mad-diskrepanza fit-tipi differenti tal-istrumenti finanzjarji għall-SMEs f'qasam partikolari tal-UE.

**Effett ta' tnaqqis (Leakage effect)**: Kull effett li jnaqqas l-ammont ta' flus disponibbli biex jingħataw strumenti finanzjarji lill-SMEs.

**Effett tal-ingranaġġ (Leverage effect)**: Fil-kuntest ta' din il-verifika ta' prestazzjoni, l-ingranaġġ ġie espress f'termini ta' kemm inġabru u tħallsu euros ta' finanzjament (pubbliku u privat) għall-iffinanzjar tal-SMEs meta mqabbel ma' kull euro ta' finanzjament pubbliku (mill-UE u mill-Istati Membri) imħallas.
L-***Anness II*** jagħti ħarsa ġenerali skematika ta' kif jaħdem l-ingranaġġ għal kull kategorija prinċipali ta' strumenti finanzjarji u, fil-kuntest tal-FEŻR, kif il-kunċett ta' ingranaġġ għandu jinftiehem.

**EIP**: Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni. Programm tal-SMEs tad-DĠ tal-Intrapriża u l-Industrija, parti mis-CIP, ġestit mill-FEI taħt is-sorveljanza tad-DĠ tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Abbażi tad-Deċiżjoni 1639/2006, din l-iskema tal-għajnuna għall-SMEs tinkludi ħames faċilitajiet li minnhom tlieta jimmiraw li jtejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament: Il-Faċilità I u II ta' Tkabbir Avvanzat u Innovazzjoni (il-GIF I u l-GIF II) u l-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (is-SMEG). Huma s-suċċessuri tal-faċilitajiet MAP (ara hawn taħt).

**Ekwità**: Kapital ta' riskju investit jew miżmum f'ditta kummerċjali fl-għamla ta' strumenti ta' ekwità jew strumenti ta' grad ekwivalenti (eż. self konvertibbli u subordinat).

**ERP**: Il-Programm Ewropew għall-Irkupru. Fil-kuntest ta' din il-verifika, il-fondi Marshall Ġermaniżi u l-fondi li jintirtu tagħhom. L-ERP ma kienx iffissat b'ebda terminu tal-perjodu tal-programm u ma kienx implimentat b'mod reġjonali. Bħala fond nazzjonali li huwa dejjem fis-seħħ għall-benefiċċju tal-impriżi Ġermaniżi, huwa jista' jerġa jintuża; il-finanzjament li jintiret ma jistax jiġi trasformat lura f'għotjiet. KfW huwa l-fiduċjarju tal-fondi ERP u l-awtoritajiet reġjonali tal-ġestjoni mhumiex involuti fil-ġestjoni tagħhom. Aktar informazzjoni dwar l-ERP u l-fondi Marshall fil-Ġermanja hija disponibbli fuq il-websajt tal-KfW.

**ETF-Start-up**: L-iStart-up tal-Faċilità Ewropea tat-Teknoloġija (ara MAP).

**FEI**: Il-Fond Ewropew tal-Investiment (il-fond speċjalizzat tal-Grupp tal-BEI li jipprovdi strumenti ta' ekwità u ta' garanzija lill-SMEs).

**FEŻR**: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

**Finanzjament Intermedju (Mezzanine)**: Tip ta' finanzjament ta' dejn li jrendi ħafna, li ħafna drabi wieħed jiltaqa' miegħu fi tranżazzjonijiet ingranati ta' akkwiżizzjoni u li ħafna drabi jkun fih għażla jew dritt ta' xiri ta' ishma f'ditta b'rata preferenzjali. Finanzjament intermedju ħafna drabi jieħu l-forma ta' self subordinat konvertibbli.

**Finanzjament li jintiret (Legacy funding)**: Il-bilanċ favorevoli prospettiv ta' fond li huwa attribwibbli għall-kontribuzzjoni tas-settur pubbliku, li jista', ladarba jsir disponibbli, jintuża biex jassisti lill-SMEs.

**Finanzjament pubbliku**: Fil-kuntest ta' din il-verifika u b'konformità mar-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, kull kontribuzzjoni pubblika għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-inġinerija finanzjarja li l-oriġini tagħhom hija l-baġit tal-UE, l-Istat Membru, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u kull nefqa simili.

**Fond**: Portafoll segregat ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja ġestit minn wieħed jew diversi ġestjonarji tal-fondi li jsegwu politiki jew miri stabbiliti tal-investiment. Fond jista' jiġi kostitwit legalment jew kostitwit bħala blokk separat ta' finanzi fi ħdan istituzzjoni finanzjarja. Il-fond għandu kontijiet u operazzjonijiet segregati. F'dan ir-rapport, it-terminu "fond" japplika għall-operazzjonijiet kofinanzjati, filwaqt li "Fond" huwa t-terminu riżervat għall-Fondi Strutturali.

**Fond tal-fondi (Holding fund)**: Fond kostitwit b'mod legali li għandu interess kontrollanti f'diversi fondi sussidjarji ta' ekwità, fondi ta' garanzija jew fondi ta' self.

**Ġestjonarju tal-fond**: Is-sieħeb ġenerali jew l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-investimenti ta' fond u għall-ġestjoni tal-portafoll ta' strumenti finanzjarji tiegħu, hekk kif stabbilit fil-kuntratt.

**Garanzija**: Fil-kuntest ta' din il-verifika, impenn minn parti (il-fond ta' garanzija) li, skont rata ta' garanzija stabbilita minn qabel, iħallas lura s-somma prinċipali u l-interessi dovuti fil-każ ta' inadempjenza f'self mogħti minn intermedjarju finanzjarju (bank) lil SME. Garanzija dejjem tħalli xi ftit mir-riskju għand min ikun qed isellef, u l-SME jibqa' responsabbli għas-self. Il-garanziji jistgħu jidħlu fis-seħħ jew le mal-ewwel talba.

**GIF**: Faċilità ta' Tkabbir Avvanzat u Innovazzjoni (ara l-EIP).

**Għotja**: Kontribuzzjoni baġitarja mill-UE jew minn kull istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, li ma tridx titħallas lura. Magħrufa wkoll bħala "sussidju pubbliku".

**Inadempjenza**: Fil-kuntest ta' din il-verifika, in-nuqqas ta' SME li jħallas lura l-kreditu tiegħu skont il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Fil-każ tal-garanziji, l-inadempjenza hija l-mument fejn garanzija hija esegwita u l-fond ta' garanzija, il-fond tal-kontrogaranzija, jew it-tnejn, jassumu d-dover li jħallsu l-ammont li jkun għad fadal.

**Intermedjarju finanzjarju**: Entità li taġixxi bħala intermedjarju bejn is-sorsi tal-provvista u d-domanda tal-kapital (eż. bank, fond tal-fondi (holding fund), fond).

**ISME**: SME Innovattiva li hija attiva f'attivitajiet ta' teknoloġija avvanzata.

**Istituzzjoni Finanzjarja**: Ditti li l-attivitajiet finanzjarji tagħhom huma ċentrali għall-kummerċ tagħhom, bħatteħid ta' depożiti, l-investiment jew in-negozjar tal-fondi. L-istituzzjonijiet finanzjarji kollha huma intermedjarji finanzjarji.

**JEREMIE**: Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji (inizjattiva tal-Grupp Kummissjoni/BEI għall-iffinanzjar tal-SMEs bl-użu strett tal-Fondi Strutturali).

**Kapital li jdur**: L-attiv kurrenti ta' impriża (l-inventarju fuq terminu qasir + ir-riċevibbli + l-ekwivalenti ta' flus + il-flus) minbarra l-passiv kurrenti (il-passiv fuq terminu qasir u il-prepagamenti).

**KfW**: Kreditanstalt für Wiederaufbau huwa l-bank federali Ġermaniż tal-Iżvilupp li huwa esperjenzjat fl-iffinanzjar tal-SMEs. Notevolment jaġixxi bħala sottokuntrattur tal-Bank tal-Kunsill tal-Ewropa, huwa attiv bħala istituzzjoni finanzjarja internazzjonali fis-suq finanzjarju tal-SMEs tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

**Li jista' jerġa jintuża (Revolving)**: Il-kunċett li kontribuzzjonijiet lill-istrumenti finanzjarji, wara użu (jew ċiklu) inizjali, ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw (jew jintużaw mill-ġdid, reċiklati).

**MAP**: Il-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat, programm tal-SMEs tad-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija ġestit mill-FEI taħt is-sorveljanza tad-DĠ għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Wara d-Deċiżjoni 2000/819 u emendat bid-Deċiżjoni 1776/2005, dan il-programm kien implimentat permezz ta' żewġ faċilitajiet ta' SMEs ġestiti mill-FEI: Il-Faċilità Start-up tal-ETF (strumenti ta' kapital ta' riskju, "ETF-Start-up") u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs (strumenti ta' garanzija, "SMEG"). Il-programm suċċessur tal-MAP huwa s-CIP/EIP (ara hawn fuq).

**Massa kritika**: L-ammont stabbilit fil-funzjoni tar-relazzjoni bejn id-daqs ta' fond u r-redditu tiegħu. B'investimenti akbar, tista' tingħata rata ta' redditu aktar favorevoli u l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet ġeneralment ikunu inqas.

**Mikrokreditu**: Fil-kuntest ta' din il-verifika, self żgħir (normalment sa EUR 25 000) mogħti lill-mikroimpriżi (hekk kif definiti mill-UE). Ħafna drabi, dawn il-mikroimpriżi jiksbu parir bla ħlas dwar il-kummerċ u kif ukoll konsulenza.

**MOITAL**: Il-Ministeru tal-Industrija, il-Kummerċ u x-Xogħol tal-Istat tal-Iżrael (Ministry of Industry, Trade and Labour of the State of Israel).

**MoU**: Memorandum ta' Ftehim.

**NUTS**: Nomenclature des Unités Territoriales Statistiques (Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika). Terminu standard definit minn Eurostat. Fil-kuntest tal-FEŻR, il-Kummissjoni tuża l'hekk imsejħa reġjuni NUTS-2.

**SBIC**: Small Business Investment Companies Program (Il-Programm ta' Kumpaniji li Jinvestu f'Negozji Żgħar). SBIC huwa wieħed mill-programmi ta' assistenza finanzjarja disponibbli mill-U.S. Small Business Administration (SBA) (l-Amministrazzjoni tan-Negozji ż-Żgħar fl-Istati Uniti). Inħoloq mill-Kungress tal-Istati Uniti fl-1958 biex titnaqqas id-diskrepanza bejn il-bżonn ta' kapital tal-intraprendituri u s-sorsi tradizzjonali ta' finanzjament. L-istruttura tal-programm hija unika fis-sens li l-SBICs huma fondi ta' investiment li huma proprjetà privata u ġestiti mill-privat, liċenzjati u regolati mill-SBA, li jużaw il-kapital tagħhom stess kif ukoll fondi mislufa b'garanzija tal-SBA li jsiru investimenti ta' ekwità u finanzjament ta' dejn f'negozji żgħar li jikkwalifikaw. Huwa fond tal-fondi sponsorjat mill-Gvern li jinvesti kapital b'terminu ta' żmien twil f'ditti ta' investiment li huma proprjetà privata u ġestit mill-privat (liċenzjati). L-SBA ma jinvestix direttament f'negozji żgħar permezz tal-Programm SBIC. L-SBA jipprovdi sostenn mingħajr ebda differenzazzjoni reġjonali.

**Self**: Is-self ta' flus bl-imgħax lil mutwatarju li jrid iħallas lura l-ammont imsellef.

**SME**: L-Impriżi ta' Daqs Żgħir u Medju (hekk kif definiti mill-Kummissjoni). Fil-perjodu ta' programmar 2007–13, dan jista' jfisser ukoll kull negozju żgħir.

**SMEFF**: Il-Faċilità Finanzjarja għall-SMEs, li hija faċilità taħt il-programm Phare tad-DĠ għat-Tkabbir (*Poland and Hungary: Assistance for Restructuring their Economies*, Il-Polonja u l-Ungerija: L-assistenza biex Jirristrutturaw l-Ekonomiji tagħhom).

**Spejjeż tal-ġestjoni**: Fil-kuntest ta' din il-verifika, l-ispejjeż tal-ġestjoni huma l-ispejjeż kollha mġarrba mill-intermedjarju finanzjarju jew l-SME fir-rigward tal-ispiża tal-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji. Lista mhux eżawrjenti ta' spejjeż bħal dawn tinkludi t-tariffi tal-arranġamenti, it-tariffi tal-garanzija, it-tariffi tal-immaniġġjar, it-tariffi tas-sħubija, it-tariffi tal-monitoraġġ, it-tariffi tal-prestazzjoni, it-tariffi tal-ipproċessar, kif ukoll l-ispejjeż tal-ġestjonarju tal-fond. Pagamenti ta' mgħaxijiet u dividendi mhumiex ikkunsidrati bħala spejjeż tal-ġestjoni.

**Stralċ**: Il-Likwidazzjoni. Proċess li jinkludi l-bejgħ tal-attiv kollu tal-fond (tal-fondi) (holding), il-ħlas tal-kredituri, id-distribuzzjoni tal-attiv li jkun għad fadal lis-sidien u x-xoljiment tal-fond.

**Strumenti tal-inġinerija finanzjarja (jew strumenti finanzjarji)**: Frażi użata mill-Kummissjoni biex tidentifika diversi strumenti li jridu jitħallsu lura offerti mill-Fondi Strutturali sabiex itejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, l-iżvilupp urban u l-effiċjenza fl-enerġija. Fil-kuntest ta' din il-verifika, dawn l-istrumenti huma strumenti ta' ekwità, self u garanzija għall-SMEs.

**Trasferiment tal-kummerċ**: Trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju mis-sid lil persuna oħra.

**Trattament *pari passu***: Terminu legali użat biex jiddeskrivi l-fatt li żewġ strumenti finanzjarji jew aktar għandhom l-istess klassi fir-rigward tad-drittijiet ta' ħlas lura. L-oppost tat-trattament *pari passu* huwa t-trattament preferenzjali tal-investitur/settur privat.

**Trattament preferenzjali tal-investitur**: Fil-kuntest ta' din il-verifika dan it-terminu huwa użat biex jiddeskrivi sitwazzjonijiet fejn is-settur pubbliku mhuwiex trattat *pari passu* minħabba li s-settur privat (eż. banek kummerċjali, investitutri privati) huwa trattat b'mod preferenzjali. Dan ifisser li l-fondi tas-settur pubbliku qegħdin fi klassi aktar baxxa fir-rigward ta' drittijiet ta' ħlas lura.

**VC**: Il-Kapital ta' Riskju (Venture Capital). Forma speċjalizzata ta' finanzjament ta' ekwità mogħtija lil ditti mhux ikkwotati ġodda, żgħar jew riskjużi.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I**

L-impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, għaliex jiġġeneraw l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-ġid. Iżda l-SMEs jistgħu jsofru minn diskrepanzi fl-iffinanzjar, minħabba li ma jkunux jistgħu jiksbu aċċess għat-tip u l-ammont ta' finanzjament li jkollhom bżonn f'mumenti partikolari.

**II.**

Biex issostni l-intraprenditorjat, l-Unjoni Ewropea (l-UE) prinċipalment tuża l-politika tagħha tal-intrapriża u l-politika tagħha ta' koeżjoni.

**III.**

Il-politika ta' koeżjoni prinċipalment tuża l-għotjiet u aktar ma jgħaddi ż-żmien, fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), l-istrumenti finanzjarji.

**IV.**

L-istrumenti finanzjarji huma strumenti li jridu jitħallsu lura u li jistgħu jerġgħu jintużaw, li jassiguraw li gruppi suċċessivi ta' SMEs jistgħu jibbenefikaw.

**V.**

Il-verifika tal-Qorti ffukat fuq il-miżuri tal-inġinerija finanzjarja kofinanzjati mill-FEŻR matul il-perjodi ta' programmar tal-2000–06 u tal-2007–13. Is-sejbiet tal-verifika huma bbażati fuq reviżjoni diretta ta' kampjun ta' proġetti u fuq eżami tas-sistemi tal-ġestjoni, monitoraġġ u informazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

**VI.**

L-objettiv prinċipali tal-verifika kien li tivvaluta jekk in-nefqa tal-FEŻR fuq il-miżuri tal-inġinerija finanzjarja għall-SMEs kinitx effettiva u effiċjenti.

# IS-SOMMARJU EŻEKUTTIV

**VII.**
Il-Qorti sabet li l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri kienu mxekkla minn nuqqasijiet kbar, prinċipalment minħabba li l-qafas regolatorju preżenti tal-Fondi Strutturali mhuwiex adattat:

(a) Il-valutazzjonijiet tad-diskrepanzi fl-iffinanzjar tal-SMEs, jekk disponibbli, sofrew minn nuqqasijiet sinifikanti;

(b) Ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, oriġinarjament imfassla għall-għotjiet, fihom erba' dgħufijiet kbar, minħabba li ma jindirizzawx l-ispeċifiċitajiet tal-istrumenti finanzjarji (ara l-paragrafu 119);

(c) Qabel ma l-fondi jaslu għand l-SMEs, id-dewmien kien sinifikanti, u meta mqabbel ma' programmi oħra għall-SMEs, il-possibbiltà tal-FEŻR li jingrana lill-investimenti privati kienet fqira.

**VIII.**
Il-Qorti tirrakkomanda li:

(a) Meta jipproponu miżuri tal-inġinerija finanzjarja, l-Awtoritajiet Ġestjonarji għandhom jassiguraw li l-proposta tagħhom hija debitament ġustifikata minn valutazzjoni tad-diskrepanza tal-SMEs ta' kwalità suffiċjenti, inkluża analiżi kwantifikata tad-diskrepanza fil-finanzjament.

(b) Meta tapprova l-programmi operazzjonali inklużi l-miżuri tal-inġinerija finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konsistenza tagħhom mal-valutazzjoni tad-diskrepanza tal-SMEs u tassigura l-kwalità ta' din tal-aħħar.

(c) Meta jfasslu proposti għar-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, il-Leġiżlatur u l-Kummissjoni għandhom jindirizzaw id-dgħufijiet speċifiċi differenti msemmija fir-Rapport (ara l-paragrafi 48 sa 77). B'mod aktar ġenenrali, il-Leġiżlatur u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu qafas regolatorju aktar adegwat ħalli t-tifsil u l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-inġinerija finanzjarja ma jsofrux min-nuqqasijiet tal-qafas regolatorju tal-Fondi Strutturali, restrizzjonijiet ġeografiċi u effetti ta' tixrid (scattering effects).

(d) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni affidabbli u teknikament robusta li tkun speċifika għall-istrumenti finanzjarji. Għalhekk, l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu segregati minn sempliċi għotjiet fil-proċessi ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika tal-Kummissjoni u l-ammont ta' flus imħallas fir-realtà lill-SMEs għandu jkun trasparenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiftiehmu fuq numru żgħir ta' indikaturi tar-riżultati li jistgħu jitkejlu, huma rilevanti, speċifiċi u uniformi għall-istrumenti finanzjarji.

(e) Il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà li tforni lill-Istati Membri bi strutturi u strumenti tal-inġinerija finanzjarja li huma kummerċjalment disponibbli għall-SMEs (eż. għotjiet bi drittijiet tas-sid, mezzi ddedikati għall-investiment) sabiex tħaffef l-implimentazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż tal-ġestjoni.

(f) L-Istati Membri, bis-sostenn tal-Kummissjoni, għandhom jimmiraw biex l-istrumenti finanzjarji kollha għall-SMEs kofinanzjati mill-FEŻR jiġu inklużi fi programm operazzjonali wieħed għal kull Stat Membru. Dan kieku jirrazzjonalizza l-proċess ta' ppjanar u jelimina wieħed mill-fatturi prinċipali magħrufa li jikkawżaw dewmien.

(g) Apparti milli tiddefinixxi l-kunċetti u d-definizzjonijiet ta' ingranaġġ u riċiklaġġ fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, il-Kummissjoni għandha, skont it-tip ta' fond tal-fondi (holding fund) jew fond, tirrikjedi porzjonijiet ta' ingranaġġ minimi li huma kuntrattwalment vinkolanti, perjodi minimi ta' tiġdid u d-*data* għall-kalkolu ta' indikaturi ta' ingranaġġ.

(h) Jekk ir-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq ma jistgħux jiġu implimentati skont il-qafas tal-politika tal-Koeżjoni, il-Qorti tistieden lill-Leġiżlatur u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw mezzi alternattivi ta' kif ikomplu jsostnu lill-SMEs permezz ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja. F'dan il-każ, strumenti bħal dawn għandhom jew ikunu sostnuti minn programmi ġestiti b'mod ċentrali mill-Kummissjoni, jew minn mezzi ddedikati għall-investiment b'koperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri jew inkella mill-Istati Membri direttament.

# INTRODUZZJONI

1. L-impriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs[1])huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE, u jirrappreżentaw 99 % tal-impriżi kollha[2]. Iżda, is-swieq finanzjari joqogħdu lura milli jinvestu fl-SMEs minħabba li huma kkunsidrati aktar riskjużi minn kumpaniji kbar, speċjalment jekk l-SMEs ikunu fi swieq innovattivi (ISMEs).

2. Skont l-Osservatorju tal-SMEs Ewropej[3], aċċess limitat għal finanzjament huwa problema għall-SMEs fl-Ewropa. Is-sitwazzjoni marret għall-agħar minħabba fil-kriżijiet finanzjarji riċenti, li laqtu lil xi Stati Membri b'mod partikolarment aħrax.

3. Minħabba li s-settur pubbliku għandu rwol importanti fis-sostenn tal-SMEs, b'mod partikolari l-proviżjoni ta' finanzjament adegwat, il-Kummissjoni pprovdiet aċċess għall-finanzjament b'diversi modi.

## IL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI TAL-UE

4. Il-politika tal-Koeżjoni tal-UE timmira li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali u territorjali fi ħdan l-UE billi tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE. Fil-qafas tal-politika ta' Koeżjoni, il-FEŻR b'mod espliċitu jagħti lok għall-possibbiltà ta' kontribuzzjoni għall-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament bl-użu frekwentissimu ta' għotjiet ta' darba li, fin-natura proprja tagħhom, ma jridux jitħallsu lura mir-riċevitur.

5. Fil-perjodu ta' programmar tal-2000–06 tal-FEŻR u, wisq aktar fil-perjodu ta' programmar tal-2007–13 tal-FEŻR, strumenti tal-inġinerija finanzjarja (strumenti ripagabbli) intużaw mill-Kummissjoni u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-kuntest tal-politika tal-koeżjoni tal-UE. Huwa l-iżvilupp ta' dawn l-istrumenti finanzjarji tal-FEŻR, li huwa s-suġġett ta' din il-verifika tal-prestazzjoni.

[1] L-SMEs f'dan ir-Rapport huma definiti skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li tittratta d-definizzjoni tal-impriżi żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36). SME hija impriża li timpjega anqas minn 250 impjegat u li għandha introjtu annwali li ma jeċċedix EUR 50 miljun u/jew karta tal-bilanċ annwali li ma teċċedix EUR 43 miljun. Trid ukoll tissodisfa l-kriterju li hija impriża awtonoma.

[2] "Giving SMEs the credit they need" (Nagħtu lill-SMEs il-kreditu li għandhom bżonn), Ir-rivista tal-politika tal-impriża, il-Kummissjoni Ewropea, 12.2.2009 u COM (2005) 551 finali tal-10 ta' Novembru 2005.

[3] L-Osservatorju tal-SMEs Ewropej, Ir-Rapport Analitiku, Novembru 2006–Jannar 2007, Flash Eurobarometer (Ewrobarometru Flash).

## IS-SOSTENN TAL-UE PERMEZZ TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA LILL-SMES GĦAJR IL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI

**6.** Minħabba li l-assigurazzjoni u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs huwa daqshekk importanti, l-UE sostniet l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament b'żewġ mezzi kbar:

(a) L-iżvilupp ta' programmi speċifiċi, il-Programm Multiannwali għall-Intrapriża u l-Intraprenditorjat (MAP), li s-suċċessur tiegħu huwa l-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP). Il-MAP u l-EIP flimkien irrappreżentaw EUR 1,6 biljun, mill-2001 sa l-2013. Huma implimentati mill-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI). Il-Faċilità tal-Garanzija għall-SMEs (SMEG), li hija parti mill-MAP u l-EIP, riċentement kienu soġġetti għal verifika mill-Qorti[4].

(b) Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) implimenta programmi ta' self li jammontaw għal madwar EUR 70 biljun (2001–10) li kell-hom il-mira li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. Dawn il-programmi prinċipalment huma ffinanzjati mir-riżorsi tal-BEI u mingħajr ebda finanzjament mill-baġit tal-UE[5].

## IS-SOSTENN TAL-FEŻR LILL-SMES PERMEZZ TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA

**7.** Matul l-aħħar żewġ perjodi ta' programmar, fil-kuntest tal-politika tal-Koeżjoni, il-Kummissjoni inkoraġġiet forom rimborżabbli ta' assistenza permezz ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja. Skont il-Kummissjoni, dan jirrappreżenta madwar EUR 12-il biljun tal-baġit tal-UE impenjati favur il-miżuri tal-inġinerija finanzjarja madwar l-Istati Membri tal-UE[6]: EUR 1,6 biljun (2000–06) u EUR 10,4 biljun (2007–13), li minnhom, rispet-tivament EUR 1,5 biljun u EUR 7,9 biljun f'pagamenti lill-fondi tal-fondi jew fondi li jikkontribwixxu għall-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja.

[4] L-objettiv ta' dik "Il-verifika tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs" tal-Qorti (RS 4/2011) kien li jivvaluta l-effettività ta' SMEG (ara l-***Glossarju***), notevolment id-disinn u l-ippjanar, il-ġestjoni tal-ħidma tagħha u l-kisba tal-objettivi tagħha. Il-Qorti kkunsidrat li l-qafas għall-ġestjoni tal-ħidma ta' kuljum tagħha huwa xieraq. Ir-rapport sħiħ jista' jinstab fuq il-websajt tal-Qorti: http://eca.europa.eu

[5] In-numru stmat ikkonsolidat abbażi tad-dokumenti tal-BEI li ġejjin: SME Consultation (Konsultazzjoni dwar l-SMEs) 2007/2008 ta' Mejju 2008, Ir-Rapport Annwali tal-2006 ta' Ġunju 2007 u r-Rapport Annwali tal-2010 ta' Mejju 2011.

[6] Ammonti meħuda mid-database tal-SFC, il-Kummissjoni Ewropea, it-8 ta' Ġunju 2011.

**8.** Il-figuri huma indikattivi u għandhom jiġu trattati b'mod għaqli[7], b'mod partikolari għall-perjodu ta' programmar tal-2007–13[8]. Prinċipalment dan jirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni m'għandhiex informazzjoni dettaljata dwar il-finanzjament ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja[9]. Barra minn hekk, jibqa' mhux magħruf safejn l-SMEs attwalment ibbenefikaw mill-ammonti mogħtija lil fondi tal-fondi u fondi.

**9.** Sommarju qasir tal-ammonti totali involuti f'kull perjodu ta' programmar huwa disponibbli fl-***Anness I***.

**10.** Fil-preżent, ir-Regolament[10] jispeċifika li l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja jistgħu jintużaw għal tliet skopijiet: fondi għas-sostenn ta' intrapriżi, primarjament l-SMEs, fondi għall-iżvilupp urban u fondi għall-promozzjoni tal-enerġija effiċjenti.

**11.** L-istess Regolament jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jinvolvu lill-FEI fl-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja bi tliet modi differenti:

- Il-preparazzjoni ta' evalwazzjonijiet, jiġifieri l-valutazzjonijiet tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs.
- Billi jaġixxu bħala fond tal-fondi; fil-preżent dan huwa l-każ fi tmien Stati Membri u tliet reġjuni[11].
- Billi jaġixxu bħala kunsilliera għall-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali.

## IL-MEKKANIŻMI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

**12.** L-implimentazzjoni tal-aċċess għall-programmi ta' finanzjament jeħtieġ l-involviment attiv ta' intermedjarji finanzjarji, li jittrasformaw fondi pubbliċi fi strumenti finanzjarji għall-SMEs. Fondi addizzjonali mogħtija mis-settur privat jistgħu jiġu miżjuda mal-finanzjament pubbliku u b'hekk jiżdied l-ammont totali disponibbli għall-investimenti fl-SMEs; dan huwa kif il-Qorti tiddefinixxi l-effett tal-ingranaġġ. L-effett tal-ingranaġġ huwa spjegat b'mod skematiku f'kull kategorija ta' strument finanzjarju fl-***Anness II***.

[7] Hekk kif intqal mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri interpretaw ħażin ir-regoli ta' klassifikazzjoni tal-allokazzjonijiet u jista' jkun li inkludew forom oħra ta' finanzjament għajr l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja.

[8] Għal dak il-perjodu, l-istrumenti finanzjarji jinkludu strumenti għall-impriżi li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-UE tal-SMEs, kif ukoll proġetti ta' żvilupp urban u proġetti ta' enerġija effiċjenti.

[9] Ara l-paragrafu 4.32 tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-2010.

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (OJ L 210, 31.7.2006. p. 25).

[11] Fil-preżent il-FEI huwa l-ġestjonarju tal-fond tal-fondi fil-Bulgarija, f'Ċipru, fil-Greċja, fil-Latvja, fil-Litwanja, f'Malta, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, kif ukoll għar-reġjun Franċiż ta' Languedoc-Roussillon u r-reġjuni Taljani ta' Campania u Sqallija.

**13.** Il-maġġoranza tal-fondi kkontribwiti mill-programmi operazzjonali jmorru f'fond tal-fondi magħżul (ġestit mill-FEI, mill-istituzzjonijiet nazzjonali jew oħrajn) imbagħad għand intermedjarji magħżula (ara l-***Figura***). Alternattivament dawn jistgħu jiġu trasferiti direttament għand intermedjarji finanzjarji magħżula. Fil-kuntest ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja l-benefiċjarji huma intermedjarji finanzjarji u l-SMEs huma r-riċevituri finali.

IL-FIGURA

**IL-FLUSS MILL-PROGRAMM OPERAZZJONALI GĦAL GĦAND L-SME (ILLUSTRAZZJONI SIMPLIFIKATA)**



**14.** Trid issir distinzjoni bejn tliet tipi prinċipali ta' strumenti finanzjarji: strumenti ta' ekwità, self u garanzija. Huma kollha strumenti eliġibbli għall-kofinanzjament FEŻR, però jridu jikkonformaw mar-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE u nazzjonali (eż. trasferiment kummerċjali, kapital li jdur, għajnuna mill-Istat).

**15.** Fil-każ ta' ekwità u self, ir-rikavat iġġenerat mill-bejgħ ta' ekwità jew l-ammonti neċessarji biex jinfeda d-dejn rispettivament suppost li għandhom jerġgħu jintużaw biex jiffinanzjaw strumenti finanzjarji addizzjonali għall-SMEs oħra; dan huwa l-effett tal-użu mill-ġdid (revolving effect).

**16.** Fil-każ ta' garanziji, huwa biss fil-każ ta' inadempjenza li l-flus attwalment jintefqu. Jekk m'hemmx inadempjenza, l-ammonti kkontribwiti jistgħu jiġu rrilaxxati meta l-kundizzjonijiet abbażi tal-kuntratt ikunu ġew issodisfati.

**17.** Skont id-dokumenti ta' strateġija riċentement ippubblikati mill-Kummissjoni, huwa probabbli ħafna li strumenti tal-inġinerija finanzjarja se jkomplu jiġu żviluppati fil-perjodu ta' programmar li jmiss[12]. Fil-fatt, id-dipartiment responsabbli fil-Kummissjoni, id-DĠ għall-politika Reġjonali, jikkunsidra l-effetti ta' ingranaġġ u l-użu mill-ġdid bħala l-vantaġġi prinċipali tal-istrumenti finanzjarji meta kkumparat ma' għotjiet. Vantaġġi oħra ta' strumenti finanzjarji msemmija ħafna drabi huma li huma jistgħu:

(a) jipprovdu finanzjament sostenibbli lill-SMEs b'termini li huma favorevoli għas-suq;

(b) iżidu l-kompetenza finanzjarja u l-għarfien tal-awtoritajiet pubbliċi u l-SMEs;

(c) jipprovdu finanzjament akbar bil-quddiem għall-proġetti ta' investiment tal-SMEs meta mqabbel ma' għotjiet.

[12] COM(2010) 700 finali tad-19 ta' Ottubru 2010 — Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE, p. 4, 20; Il-Pjan ta' Ġestjoni 2010 (il-verżjoni finali), id-DĠ għall-politika Reġjonali, l-10 ta' Mejju 2010, p. 6-7; Il-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, Novembru 2010 (il-verżjoni preliminari), p. xv-xvi u 213-218.

# L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

**18.** L-objettiv prinċipali tal-verifika kien li vvalutat jekk in-nefqa tal-FEŻR fuq strumenti tal-inġinerija finanzjarja[13] għall-SMEs kinitx effettiva u effiċjenti.

**19.** Il-Qorti indirizzat il-kwistjonijiet prinċipali ta' effettività u effiċjenza segwenti:

(a) Il-kwalità tal-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs.

(b) Kemm hu xieraq il-qafas tal-FEŻR biex jimplimenta strumenti finanzjarji.

(c) L-effettività u l-effiċjenza tal-istrumenti finanzjarji fil-kisba tar-riżultati.

**20.** Il-verifika twettqet fil-Kummissjoni u f'ħames Stati Membri (il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall, ir-Repubblika Slovakka u r-Renju Unit). Abbażi tal-figuri mogħtija mill-Kummissjoni, dawn il-ħames Stati Membri jirrappreżentaw madwar 46 % u 30 % tal-**allokazzjonijiet** tal-FEŻR lil strumenti tal-inġinerija finanzjarja matul il-perjodi ta' programmar tal-2000–06 u l-2007–13 rispettivament. Meta ntgħażlu dawn l-Istati Membri, ingħatat attenzjoni biex ikunu assigurati d-diversità ta' strumenti finanzjarji, l-istrutturi ta' finanzjament u l-bilanċ ġeografiku.

**21.** Ġie vvalutat kampjun ta' 34 operazzjoni kofinanzjati mill-FEŻR, 24 mill-perjodu ta' programmar 2000–06 u 10 mill-perjodu ta' programmar 2007–13. L-***Anness I*** jagħti stampa ġenerali tal-ammonti totali impenjati u mħallsa koperti f'dan ir-Rapport, inkluż il-porzjon tagħhom mit-total tal-FEŻR.

[13] Fil-kuntest ta' din il-verifika, dawn l-istrumenti huma strumenti ta' ekwità, self u garanzija għall-SMEs (ara l-***Glossarju***).

**22.** Ix-xogħol tal-verifika inkluda reviżjoni tad-dokumentazzjoni u laqgħat mar-rappreżentanti ta' diversi awtoritajiet pubbliċi u intermedjarji finanzjarji responsabbli għad-disinn, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-miżuri u l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja għall-SMEs.

**23.** Inġabret ukoll evidenza minn verifiki finanzjarji li għamlet il-Kummissjoni jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ("il-Qorti") matul iż-żewġ perjodi ta' programmar, ir-riċerka fl-uffiċċju u laqgħat ta' verifika fil-Kummissjoni u fil-FEI[14].

**24.** Ix-xogħol tal-verifika fil-FEI kellu x'jaqsam ma' tnejn mit-tliet tipi ta' servizzi li huwa wettaq fil-kuntest tal-miżuri tal-inġinerija finanzjarja tal-FEŻR għall-SMEs; il-preparazzjoni ta' valutazzjonijiet dwar id-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs u billi aġixxa bħala fond tal-fondi.

**25.** Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tagħha, il-Qorti kkunsidrat bħala prattika tajba xi programmi b'reputazzjoni internazzjonali[15], kif ukoll xi apparati li jqabblu l-prodotti misjuba fi programmi ġestiti b'mod ċentrali mill-UE[16]. Fil-fatt, dawn il-programmi kollha jsegwu intervent loġiku simili għall-aċċess tal-SMEs għal programmi ta' finanzjament skont il-politika ta' Koeżjoni (ħlief għall-objettiv wiesa' ta' koeżjoni territorjali). Tassew, huma kollha għandhom inkomuni l-objettivi tal-insegwiment tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħol bl-iżvilupp ta' intrapriżi permezz ta' strumenti finanzjarji.

[14] B'riżultat ta' dan, saru numru ta' osservazzjonijiet addizzjonali dwar il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Polonja u r-Renju Unit.

[15] L-ERP fil-Ġermanja, il-programmi ta' MOITAL fl-Iżrael, l-SBIC fl-Istati Uniti tal-Amerika. Ara wkoll l-***Anness III***.

[16] Il-programmi ETF Start-Up u GIF għall-istrumenti ta' ekwità, is-SMEFF għall-istrumenti ta' self u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs għall-istrumenti ta' garanzija.

# OSSERVAZZJONIJIET

## IL-KWALITÀ TAL-VALUTAZZJONI TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT TAL-SMES

**26.** In-nuqqas ta' qbil bejn id-domanda u l-provvista tat-tipi differenti tal-istrumenti finanzjarji għall-SMEs, imsejħa d-diskrepanza fil-finanzjament, tikkostitwixxi r-raġuni fundamentali għall-intervent pubbliku fis-suq. Biex jilħqu l-bżonnijiet reali fir-rigward tal-finanzjament tal-SMEs b'mod effettiv, l-operazzjonijiet tal-FEŻR għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni soda tad-diskrepanza fil-finanzjament[17].

**27.** Il-Qorti eżaminat il-kwalità tal-valutazzjonijiet tad-diskrepanza u, b'mod partikolari, jekk il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza:

(a) identifikawx u kkwantifikawx bżonn għal azzjoni min-naħa tas-settur pubbliku favur il-miżuri tal-inġinerija finanzjarja għall-SMEs;

(b) kinux marbuta mal-programmi operazzjonali relatati;

(c) sarux disponibbli biżżejjed minn qabel għall-partijiet interessati kollha kkonċernati.

**28.** Għalkemm il-valutazzjonijiet tal-FEI tad-diskrepanza lkoll segwew metodoloġija standard (jiġifieri format komuni), il-livelli differenti fil-kwalità kienu jidhru b'mod ċar. Iżda, il-Qorti identifikat il-valutazzjoni tal-FEI tad-diskrepanza għall-Isvezja bħala prattika tajba u użatha bħala punt ta' riferiment (ara l-***Kaxxa 1***).

[17] Ara l-Artikolu 44.1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1) u l-Memorandum ta' Qbil tal-Kummissjoni/FEI (MtQ) ta' Mejju 2006.

**IL-KAXXA 1**

### IL-VALUTAZZJONI TAL-FEI TAD-DISKREPANZA GĦALL-ISVEZJA, KAŻ TA' PRATTIKA TAJBA

Il-valutazzjoni tal-FEI tad-diskrepanza ffinalizzata f'Jannar 2007 inkludiet:

- analiżi kompleta tad-domanda u l-provvista tal-finanzjament tal-SMEs fuq skala nazzjonali skont it-tip ta' strument finanzjarju u, fejn xieraq, ġew ikkunsidrati wkoll l-ispeċifiċitajiet reġjonali;
- oqsma fejn l-eżistenza tad-diskrepanzi fil-finanzjament setgħet jew ma setgħetx tiġi stabbilita b'mod raġonevoli;
- referenzi għal sostenn preċedenti tal-FEŻR jew aċċess ieħor għal skemi ta' finanzjament tal-UE, inkluż ir-rwol tal-Grupp BEI;
- informazzjoni dwar l-istrutturar intenzjonat tal-finanzjament kofinanzjat tal-finanzjament tal-SMEs (allokazz-joni tal-fondi), inkluża rabta mal-programm operazzjonali ppreżentat lill-Kummissjoni għal approvazzjoni;
- informazzjoni li permezz tagħha intermedjarji finanzjarji potenzjali jistgħu jkunu kapaċi jimplimentaw il-finanzjament.

### 2000–06: ĠENERALMENT EBDA VALUTAZZJONIJIET TAD-DISKREPANZA

**29.** Matul il-perjodu ta' programmar 2000–06, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġeneralment ma vvalutawx id-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs. Għalkemm kienu ntefqu EUR 1,60 biljun fuq miżuri tal-inġinerija finanzjarja tal-SMEs, il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza la kienu obbligatorji u lanqas irrakkomandati mill-Kummissjoni.

**30.** Evalwazzjonijiet *ex-ante*, hekk kif prevvisti fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali[18], ma inkludewx valutazzjoni xierqa tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs. Pereżempju, fil-Portugall, skemi tal-SMEs ġew iffinanzjati mingħajr ebda valutazzjoni preċedenti tad-diskrepanza, fil-waqt li fil-Ġermanja (ir-reġjuni ta' Berlin u n-North Rhine-Westphalia), il-valutazzjonijiet li saru ma kinux speċifiċi u l-użu attwali tagħhom mill-korpi rilevanti mhuwiex ċert.

### 2007–13: NUQQASIJIET SINIFIKANTI

**31.** Għall-perjodu ta' programmar 2007–13, m'hemm ebda ħtiġijiet legali speċifiċi dwar l-eżistenza u l-użu ta' valutazzjonijiet tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-SMEs fil-livell tal-programm operazzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni, konxja mill-utilità tagħhom, iddeċidiet bi sħubija mal-FEI, li tikkofinanzja valutazzjonijiet tad-diskrepanza mwettqa fuq talba tal-Istati Membri u mingħajr ħlas[19]. Dawn kieku jintużaw għall-preparazzjoni ta' programmi operazzjonali sabiex ikunu stabbiliti objettivi u riżorsi biex jitjieb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament.

**32.** Bejn l-2006 u l-2009, il-FEI pprepara 55 valutazzjoni tad-diskrepanza fuq talba volontarja ta' 20 Stat Membru, fejn 18 minnhom ġew irreveduti waqt il-verifika. Minbarra l-valutazzjonijiet tad-diskrepanza li jikkonċernaw Stati Membri vverifikati, ġew irreveduti wkoll valutazzjonijiet tad-diskrepanza li saru għal Spanja, Franza u l-Polonja minħabba li dawn it-tliet Stati Membri rrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-valutazzjonijiet tad-diskrepanza.

18 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

19 Il-Memorandum ta' Qbil tal-Kummissjoni/FEI ta' Mejju 2006, il-Punt 4, it-2 paragrafu, p. 2. Għall-bażi legali, ara l-Artikolu 45 (Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

### IL-FEI IDENTIFIKA U KKWANTIFIKA BŻONN TA' AZZJONI MIS-SETTUR PUBBLIKU

**33.** Għall-valutazzjonijiet tad-diskrepanza rreveduti kollha, il-FEI kkwantifika d-diskrepanza finanzjajra u kkonkluda li kien hemm bżonn ta' azzjonijiet mis-settur pubbliku favur l-inġinerija finanzjarja għall-SMEs.

**34.** Madankollu, il-FEI għamel biss referenza skarsa għal aċċess preċedenti tal-SMEs tal-UE għal sostenn finanzjarju fi ħdan jew minnbarra l-kuntest tal-FEŻR. Jekk u meta l-FEI rreffera għal dan is-sostenn, huwa ma ppruvax jitgħallem mill-esperjenza.

### EBDA RABTA ĊARA MAL-PROGRAMMI OPERAZZJONALI

**35.** Il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza tal-FEI ma stabbilixxew rabta mal-programmi operazzjonali tal-FEŻR li kienu jappartjenu għalihom, f'ebda mill-każijiet kollha rreveduti. Il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza ppreparati mill-FEI twettqu b'mod indipendenti mill-proċess tal-programm operazzjonali, u ħafna drabi kienu soġġetti għal dewmien u wasslu għal allokazzjoni mhux mill-aħjar ta' fondi mill-miżuri tal-programm operazzjonali lill-istrumenti finanzjarji.

**36.** Għalhekk, meta ftehimiet qafas sussegwenti (bejn l-Istati Membri u l-ġestjonarji tal-fond tal-fondi) kellhom jiġu nnegozjati, reġa' tfaċċa għadd konsiderevoli ta' restrizzjonijiet tal-programm operazzjonali, (eż. allokazzjoni bejn it-tipi differenti ta' strumenti, restrizzjonijiet territorjali, ħtiġijiet ta' monitoraġġ u ta' rappurtar), li ma kinux indirizzati fil-valutazzjonijiet tad-diskrepanza.

**37.** Pereżempju, l-awtoritajiet reġjonali Pollakki ma kinux sodisfatti bil-livell ta' kwalità ta' ħames valutazzjonijiet reġjonali tad-diskrepanza[20]. F'każijiet oħra, il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza fil-biċċa l-kbira ġew injorati fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali (eż. l-Andalusija, l-Ungerija).

**38.** Il-Kummissjoni ma rrikjeditx evalwazzjoni jew reviżjoni tal-kwalità indipendenti tal-valutazzjonijiet tad-diskrepanza li hija ordnat mill-FEI. Madankollu, il-BEI wettaq evalwazzjoni, li kklassifikat lill-valutazzjonijiet tad-diskrepanza bħala "parzjalment sodisfaċenti", billi prinċipalment ikkritika l-proċess imdewwem tal-valutazzjoni tad-diskrepanza u "varjetà ta' problemi esterni", inklużi l-problemi regolatorji[21].

[20] Konferenza JEREMIE f'Poznan, it-8 ta' April 2008, Nota tad-DĠ għall-politika Reġjonali fil-Fajl datata t-23 ta' Mejju 2008 u nota interna tad-DĠ għall-politika Reġjonali, Kontribuzzjoni mill-GU għall-Kumitat ta' Tmexxija ta' JEREMIE datata l-24 ta' Ġunju 2008. Ir-Rapport dwar il-missjoni, Laqgħa tal-Kummissarju D. Hübner dwar JEREMIE mar-rappreżentanti ta' 5 Uffiċċji Marshal, Varsavja, is-17 ta' Lulju 2008, id-DĠ għall-politika Reġjonali, Nota fil-fajl tat-28 ta' Lulju 2008.

[21] Valutazzjoni tal-Operazzjonijiet, ir-Rapport Sinteżi tal-BEI (l-Esperjenzi miksuba, p. iv) bil-kummenti tal-Kummissjoni (maħruġ f'Settembru 2011).

**IL-VALUTAZZJONIJIET TAD-DISKREPANZA MA SARUX PUBBLIĊI B'MOD SISTEMATIKU**

**39.** Sabiex id-daqs u l-kwalità tal-provvista tal-finanzjament tal-SMEs ikunu mill-aħjar, hemm bżonn li titqajjem kemm jista' jkun possibbli l-kuxjenza tal-partijiet interessati dwar il-bżonnijiet speċifiċi tal-finanzjament tal-SMEs. Dan ifisser li wieħed jipprovdi intermedjarji finanzjarji kif ukoll diversi gruppi ta' interess u netwerks dwar l-SMEs bil-valutazzjonijiet sħaħ tad-diskrepanza fl-istess waqt li dawn jingħataw lill-Awtoritajiet Ġestjonarji.

**40.** B'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Memorandum ta' Qbil[22], fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ir-rapporti sħaħ ma ġewx ippubblikati, imma l-Kummissjoni ppubblikat biss is-sommarji eżekuttivi.

## KEMM HU XIERAQ IL-QAFAS TAL-FEŻR GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

**41.** Qafas regolatorju u amministrattiv adegwat huwa fattur ċentrali tas-suċċess fit-twassil tal-aċċess għall-finanzjament effettiv u effiċjenti lill-SMEs għall-Istati Membri u d-diversi reġjuni u istituzzjonijiet finanzjarji involuti.

**42.** Il-Qorti eżaminat jekk:

(a) L-oqsfa legali u tal-ġestjoni kkunsidrawx b'mod suffiċjenti n-natura speċifika tal-istrumenti finanzjarji differenti.

(b) L-użu tal-FEŻR bħala mekkaniżmu għat-twassil tal-istrumenti finanzjarji kienx iwassal għal ġestjoni finanzjarja soda.

(c) Is-sistemi ta' monitoraġġ u informazzjoni tal-Kummissjoni kinux adattati għall-iskop tagħhom.

[22] Il-Memorandum ta' Qbil tal-Kummissjoni/FEI, Ir-Riżultati tal-valutazzjonijiet, p. 2, it-30 Mejju 2006.

## IN-NATURA SPEĊIFIKA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI DIFFERENTI MHIJIEX IKKUNSIDRATA B'MOD SUFFIĊJENTI

**43.** Ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali preżenti[23] jistipulaw li l-istrumenti finanzjarji jinkludu kapital ta' riskju (venture capital) (forma ta' finanzjament ta' ekwità), self u fondi ta' garanzija. Huma ma jinkludux dispożizzjonijiet speċifiċi addizzjonali fuq l-ekwità, self u fondi ta' ganrazija, li huma fondamentalment differenti, kemm mill-istrumenti li ma jridux jitħallsu lura (għotjiet) u kif ukoll bejniethom. Ir-Regolament Finanzjarju[24] wkoll mhuwiex speċifiku għall-istrumenti finanzjarji.

**44.** Għalhekk il-Kummissjoni ġġesti l-assistenza lill-SMEs li trid titħallas lura taħt l-istess qafas legali li jintuża għal għotjiet li ma jridux jitħallsu lura.

**45.** Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dan jikkawża l-problemi. Pereżempju, f'rapport ta' verifika interna tal-2010[25] nstab li d-disinn tal-qafas regolatorju u strateġiku ma kienx adattat bl-aħjar mod biex jikseb l-objettivi, u li d-disinn inadegwat tas-sistema jista' jkollu impatt avvers qawwi fuq il-prestazzjoni u r-reputazzjoni tal-Kummissjoni.

**46.** Bil-għan li tgħin lill-Istati Membri jifhmu kif ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali għandhom japplikaw biex l-istrumenti finanzjarji jkunu appoġġati, il-Kummissjoni fl-Lulju 2007 u f'Diċembru 2008, l-ewwel ħarġet żewġ noti ta' interpretazzjoni, b'ambitu limitat. Imbagħad kien biss fi Frar 2011, erba' snin wara l-bidu tal-perjodu ta' programmar preżenti li l-Kummissjoni ħarġet nota ta' interpretazzjoni komprensiva u rilevanti dwar l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja, li tiddistingwi t-tipi prinċipali ta' strumenti finanzjarji.

**47.** Madankollu, in-nota ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2011 mhijiex legalment vinkolanti u erba' nuqqasijiet kbar li għad fadal fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali huma:

- o Dispożizzjonijiet insuffiċjenti ta' ingranaġġ u ta' fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw.
- o Il-possibbiltà li allokazzjonijiet mhux ġustifikati jiġu impenjati lill-istrumenti finanzjarji.
- o Il-possibbiltà ta' użu mhux ġustifikat ta' trattament preferenzjali tas-settur privat.
- o Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà mhux ċari dwar kapital li jdur.

[23] Għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u l-emendi sussegwenti. Għall-perjodu ta' programmar 2000-2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 u l-emendi sussegwenti.

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) hekk kif emendat fl-14 ta' April 2007.

[25] Parir mid-DĠ għall-politika Reġjonali IAA (ir-rapport finali), l-4 ta' Marzu 2010, il-punti meħuda mill-paġni 6 sa 10.

**DISPOŻIZZJONIJIET INSUFFIĊJENTI TA' INGRANAĠĠ U TA' FONDI LI JISTGĦU JERĠGĦU JINTUŻAW**

**48.** L-ewwel nuqqas fir-regolamenti tal-Fondi Strutturali huwa n-nuqqas ta' referenza ċara għall-fondi ta' ingranaġġ u finanzjament li jintiret li jista' jerġa jintuża b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, il-mod kif u sa meta dawn il-kunċetti huma applikabbli[26]. Hekk kif mistħaqq mill-Kummissjoni diversi drabi, dawn huma karatteristiċi prinċipali tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja u anke tal-Fondi Strutturali fil-perjodu ta' programmar preżenti[27].

**49.** Ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jistipulawx tul ta' żmien speċifiku (10 snin, 20, 30 sena) jew fattur ta' riċiklaġġ (minn tal-inqas darba, darbtejn, tliet darbiet) għall-użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu fejn dawn tal-aħħar ikunu għadhom ma ntużawx għal kollox. Barra minn hekk ir-Regolamenti ma jirriflettux il-mod kif il-finanzjament ta' ingranaġġ tal-ekwità, tas-self u tal-fondi ta' garanzija huwa differenti b'mod fundamentali.

**50.** Filwaqt li n-nota ta' Frar 2011 tikkonferma d-differenzi fit-tip ta' strumenti finanzjarji, ftit tagħmel referenza għall-effett ta' ingranaġġ tagħhom. Hija tirreferi biss għall-effett ta' ingranaġġ, mingħajr ma tispjegah u mingħajr ma tistabbilixxi ebda rekwiżiti ta' ingranaġġ (porzjonijiet ta' ingranaġġ, frekwenza u użu mill-ġdid ta' fondi li jintirtu)[28].

**51.** Dwar il-fatt li l-fondi jistgħu jerġgħu jintużaw, in-nota ta' interpretazzjoni tagħti gwida billi tinkoraġġixxi l-allokazzjoni mill-ġdid għall-istess tip ta' azzjoni fl-istess reġjun kopert mill-programm operazzjonali, ta' riżorsi pubbliċi rritornati wara l-ewwel ċiklu ta' investiment[29]. Madankollu, l-Awtoritajiet Ġestjonarji dejjem setgħu japplikaw diskrezzjoni konsiderevoli fl-użu mill-ġdid tal-fondi li jintirtu, jekk dawn jeżistu, minħabba li dawn dejjem setgħu jinqalbu lura f'għotjiet li ma jridux jitħallsu lura[30], u b'hekk inaqqsu l-benefiċċji potenzjali ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja.

[26] Il-Paragrafi 106 sa 113 jispjegaw il-porzjonijiet fqar ta' ingranaġġ miksuba għall-istrumenti ta' ekwità u self.

[27] Eżempji mhux eżawrjenti jinkludu: Il-MtQ tal-Kummissjoni/FEI tat-30 ta' Mejju 2006 ffirmat mill-Kummissarju għall-Politika Reġjonali u s-CEO tal-FEI, p. 4; Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali tat-30 ta' Mejju 2007, p. 3 sa 4, in-nota ta' interpretazzjoni COCOF/07/0018/01 indirizzata lill-Istati Membri fis-16 ta' Lulju 2007, p. 4.

[28] L-għażla ta' aktar minn strument tal-inġinerija finanzjarja wieħed tista' tipproduċi l-aħjar effetti possibbli ta' ingranaġġ għar-riżorsi pubbliċi kkontribwiti mill-programm operazzjonali biex ikunu involuti kemm jista' jkun possibbli riżorsi disponibbli u għarfien espert mis-settur privat u biex l-opportunitajiet ikunu massimizzati biex jinkisbu l-objettivi ta' investiment u żvilupp tal-programm operazzjonali. (...), in-nota ta' interpretazzjoni COCOF/10/0014/04, il-Punt 2.2.2.

[29] In-nota ta' interpretazzjoni COCOF/10/0014/04, il-Punt 9.2.3.

[30] Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 tat-28 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mal-eliġibbiltà tal-infiq ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond Strutturali (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 39) (l-Anness, ir-Regola 8, il-Kundizzjoni 2.6) u l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006.

**52.** Fl-Andalusija, pereżempju, id-dispożizzjoni tal-istralċ semmiet biss li l-fondi llikwidati li jkun għad fadal għandhom jiġu trasferiti fit-teżorerija reġjonali u mbagħad użati b'mod liberu mill-gvern reġjonali. Dan fisser li l-finanzjament li jintiret seta' jintuża biex ikopri n-nefqa regolari tal-gvern reġjonali jew fil-forma ta' għotjiet lill-operaturi ekonomiċi oħra għajr l-impriżi ż-żgħar[31].

**53.** Barra minn hekk, hekk kif spjegat aktar tard fil-paragrafi 78 sa 83, is-sistemi ta' monitoraġġ u informazzjoni eżistenti ma jippermettux verifikazzjoni dwar jekk strateġija tal-investiment, politika tal-ħruġ u d-dispożizzjonijiet tal-istralċ[32] jistabbilixxux b'mod effettiv il-kundizzjonijiet li taħthom il-finanzjament li jintiret jista' jerġa' jintuża. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni ma tirċevix informazzjoni suffiċjenti biex timmonitorja n-natura riċiklabbli tal-fondi.

### IL-POSSIBBILTÀ LI JIĠU IMPENJATI ALLOKAZZJONIJIET MHUX ĠUSTIFIKATI GĦAL STRUMENTI FINANZJARJI

**54.** Defiċjenza oħra hija li skont ir-Regolament tal-Fondi Strutturali preżenti[33], l-Istati Membri li implimentaw fondi tal-fondi mhumiex soġġetti għal diżimpenji awtomatiċi matul il-ħajja tal-programm operazzjonali meta l-ħlasijiet tal-fond tal-fondi ma jkunux saru.

**55.** Hekk kif imsemmi fil-paragrafu 32, l-Istati Membri ma kinux obbligati li jwettqu l-valutazzjonijiet tad-diskrepanza tal-SMEs. Għalhekk, il-leġiżlatur offra l-possibbiltà li jsiru allokazzjonijiet akbar mis-soltu lill-istrumenti finanzjarji.

**56.** Huwa biss fl-għeluq tal-programm, aktar minn sentejn wara tmiem il-perjodu ta' programmar ta' seba' snin, li l-Kummissjoni se tkun f'pożizzjoni biex tirregolarizza s-sitwazzjoni.

**57.** Eżempju ċar ta' allokazzjoni ta' fond kbir wisq bħal dan huwa fond ta' garanzija fl-Italja (ara l-***Kaxxa 2***).

[31] Ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-2010, il-paragrafu 4.33, l-eżempju 4.4 (c).

[32] Id-dispożizzjonijiet hekk kif definiti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u hekk kif emendati sussegwentement.

[33] L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

**IL-POSSIBBILTÀ TA' UŻU MHUX ĠUSTIFIKAT TA' TRATTAMENT PREFERENZJALI TAS-SETTUR PRIVAT**

**58.** It-tielet nuqqas huwa li r-Regolamenti tal-Fondi Strutturali[34] jippermettu, mingħajr ebda speċifikazzjoni ulterjuri, l-użu ta' trattament preferenzjali tas-settur privat fuq is-settur pubbliku, li f'dan il-każ huma l-Fondi Strutturali. Dan it-trattament preferenzjali fir-realtà jintuża meta l-kuntratti ma jagħtux l-istess drittijiet ta' ħlas lura lill-FEŻR bħalma jagħtu lil-kofinanzjaturi privati (jiġifieri mhux *pari passu*).

**59.** Trattament preferenzjali jista' jkun iġġustifikat biex jattira investituri jew mutwanti privati billi jżid iċ-ċansijiet tagħhom li jitħallsu lura u li jirċievu gwadann ta' riskju/dħul aħjar. Madankollu, l-użu tiegħu jrid ikun ġustifikat b'mod għaqli minħabba li jirrestrinġi l-kapaċità li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti li jintiret għall-grupp li jmiss ta' SMEs.

[34] Ir-Regolament (KE) Nru 1685/2000 u (KE) Nru 1828/2006 hekk kif sussegwentement emendati.

**IL-KAXXA 2**

## KAŻ TA' ALLOKAZZJONIJIET TA' FONDI KBAR WISQ: IL-GARANZIJI TAL-FEŻR FL-ITALJA (SARDINJA)

L-Awtorità Ġestjonarja ta' Sardinja ma talbitx valutazzjoni tad-diskrepanza. Meta wieħed jikkunsidra l-mira ta' ingranaġġ finanzjarju ta' 10 kkumbinata ma' rata medja ta' garanzija ta' 65 % stabbilita fil-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-Awtorità Ġestjonarja[35], id-dotazzjoni ta' 233 miljun tal-fond kieku tirriżulta fi ħruġ ta' garanziji ġodda ta' minn tal-inqas EUR 3 585 miljun, jiġifieri 51 % ogħla mill-ammont massimu mistenni ta' garanziji ġodda skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju.

Dan jirrappreżenta madwar 38 % tal-istokk tas-self li jkun għad fadal tal-impriżi ta' Sardinja kollha (fil-preżent EUR 11 803 miljun), li mhuwiex realistiku. Sa nofs l-2011, EUR 1,5 miljun minn dotazzjoni totali ta' EUR 233 miljun kienu ġew mirhuna kontra dan il-fond. Din id-dotazzjoni eċċessiva mhijiex soġġetta għal diżimpenji awtomatiċi.

[35] Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-Awtorità Ġestjonarja, skont l-Artikolu 43.2 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006, għandu jinftiehem bħala l-ekwivalenti tal-istrateġija tal-investiment u l-ippjanar wara l-emenda meħtieġa mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 846/2009 tal-1 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1828/2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 250, 23.9.2009, p. 1).

**60.** Minħabba f'hekk, l-Awtoritajiet Ġestjonarji għandhom iqisu jekk jeżistix trattament preferenzjali u jekk huwiex iġġustifikat[36]. Madankollu, ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali kurrenti ma jispeċifikawx aktar dwar dan, u lanqas in-noti ta' interpretazzjoni tal-Kummissjoni.

**61.** Instabu tliet każijiet ta' użu mhux ġustifikat ta' trattament preferenzjali fir-reġjuni Ingliżi ta' Londra, Merseyside u Yorkshire u l-Humber, rispettivament. Li kieku wieħed biss mill-fondi ta' livell aktar baxx tal-fondi tal-fondi naqas milli jħallas lura, il-fond tal-fondi l-ewwel kien ikollu jħallas lura lill-bank għad-detriment tal-fondi li mhumiex inadempjenti.

**62.** Ir-raba' każ instab fl-Ungerija, fejn investituri tal-ekwità assiguraw ir-redditu tagħhom bl-użu ta' klawżola li tirrestrinġi r-rendiment għad-detriment tal-kontributur pubbliku u llimitaw ir-riskju tagħhom bl-użu ta' klawżola ta' mitigazzjoni tat-telf. Għalhekk, il-kontributur pubbliku jġarrab ir-riskju totali, iżda mhux il-lat pożittiv tal-gwadann.

### KUNDIZZJONIJIET TA' ELIĠIBBILTÀ MHUX ĊARI DWAR KAPITAL LI JDUR

**63.** Ir-raba' nuqqas huwa l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-kapital li jdur, li ma ġewx indirizzati fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali. Fin-nota ta' interpretazzjoni ta' Frar 2011, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-finanzjament ta' kapital li jdur li mhuwiex assoċjat ma' pjan għal-ħolqien jew għall-espansjoni ta' impriża m'għandux jiġi appoġġat permezz tal-istrumenti finanzjarji[37].

**64.** L-użu tat-terminu ambigwu "kapital għall-espansjoni" u l-ħafna eċċezzjonijiet għall-użu tal-kapital li jdur ħolqu l-konfużjoni fost l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Membri. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li l-eliġibbiltà tal-kapital li jdur trid tiġi eżaminata u implimentata fuq bażi ta' każ b' każ, u wieħed għandu b'mod xieraq jikkunsidra u jirrispetta l-leġiżlazzjoni u r-regoli tal-għajnuna mill-Istat[38].

**65.** Il-konsegwenza ta' din l-inċertezza legali, pereżempju, setgħet tinħass fl-Ungerija, fejn l-Awtorità Ġestjonarja ddikjarat li l-kundizzjonijiet tal-Kummissjoni kien diffiċli li wieħed jinterpretahom, ma setgħux jiġu sorveljati u żiedu r-riskju lill-intermedjarji finanzjarji sa tali punt li dawn tilfu l-interess li jagħtu kapital li jdur taħt l-FEŻR.

[36] Matul il-perjodu ta' programmar preċedenti, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex titnaqqas kemm jista' jkun id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-kapital tar-riskju (VC) u tas-self (ara l-Kundizzjoni 2.6 tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000, hekk kif sussegwentement emendata.

[37] In-nota ta' interpretazzjoni COCOF/10/0014/04, il-Punti 3.2.6. u 3.2.7.

[38] Ir-risposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2009 għall-ittra tal-FEI tal-11 ta' Diċembru 2008.

## IL-KARATTERISTIĊI PREŻENTI TAL-FEŻR FIXKLU L-ĠESTJONI FINANZJARJA SODA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

**66.** Il-karatteristiċi tal-FEŻR li fixklu l-ġestjoni finanzjarja soda tal-istrumenti finanzjarji prinċipalment huma t-territorjalità tiegħu u l-massa kritika insuffiċjenti tiegħu (l-effett tat-tixrid). Dawn il-karatteristiċi affettwaw lill-FEŻR matul il-perjodi ta' programmar differenti kollha.

### FEŻR: IT-TERRITORJALITÀ B'KONSEGWENZI IMPORTANTI GĦALL-FONDI TAL-SMES

**67.** L-ewwel karratteristika inerenti tal-FEŻR hija l-approċċ territorjali tiegħu. Għall-implimentazzjoni tiegħu, is-27 Stat Membru inqasmu f'271 reġjun statistikalment definiti, jiġifieri normalment fil-livell ta' NUTS 2[39].

**68.** Dan l-approċċ jikkontradixxi d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-kompetizzjoni, li jiffaċċjaw id-ditti Ewropej, qed issir dejjem aktar globali u l-innovazzjoni qed titqies bħala fenomenu globali li m'għandux suċċess u mhux sostenibbli f'ambjent magħluq[40]. Fil-fatt, għal kuntrarju tal-assistenza kofinanzjata mill-FEŻR li trid titħallas lura, strumenti oħra finanzjarji tal-SMEs (eż. l-ETF Start-Up, il-GIF, il-Faċilità tal-Finanzjament tal-SMEs (is-SMEFF), is-SMEG, eċċ.) ġestiti mill-Kummissjoni mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet territorjali bħal dawn fi ħdan l-UE.

**69.** Barra minn hekk, diversi każijiet ta' prattika tajba mingħajr restrizzjonijiet reġjonali kienu identifikati mill-Qorti fl-UE (il-Ġermanja) u 'l barra mill-UE (l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Iżrael), xi wħud mil-liema ġew spjegati aktar fil-fond fil-***Kaxxa 3***.

**70.** Din il-qasma reġjonali timpedixxi l-użu ta' indikaturi tipiċi li jappartjenu għall-istrumenti finanzjarji bħalma huma l-perċentwal tal-ekwità barranija fil-karti tal-bilanċ tal-SMEs, ir-rati ta' intermedjazzjoni bankarja, ir-rati ta' inadempjenza, ir-rati ta' rifjut ta' self jew il-porzjonijiet tal-ekwità u d-dejn. Fil-fatt statistiċi bħal dawn, ħafna drabi, ma jeżistux fil-livell reġjonali jew, minn tal-inqas fil-livell tal-qasma reġjonali abbażi tal-appoġġ tal-FEŻR.

[39] L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 u l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. L-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata lill-awdituri tal-Qorti mid-DĠ għall-politika Reġjonali matul il-laqgħa tal-verifika tal-1 ta' Diċembru 2010.

[40] SEC(2005) 433 finali tas-6 ta' April 2005, COM(2005) 121 finali tas-6 ta' April 2005.

### L-FEŻR MA JOSTAKOLAX IL-ĦOLQIEN TA' FONDI LI HUMA TAĦT IL-MASSA KRITIKA (L-EFFETT TA' TIXRID)

**71.** Matul il-proċess tal-allokazzjoni tal-fondi tal-programm operazzjonali, awtoritajiet pubbliċi li tipikament mhumiex familjari mal-finanzjament tal-SMEs jallokaw il-kontribuzzjonijiet pubbliċi għal fondi b'manjiera tali li d-daqs tagħhom ħafna drabi jaqa' taħt il-massa kritika. Dan mhuwiex biss ir-riżultat tal-approċċ territorjali hekk kif imsemmi aktar 'il quddiem, imma wkoll ta' programmi operazzjonali tematiċi possibbilment differenti b'diversi objettivi ekonomiċi, ambjentali, soċjali u territorjali.

**72.** L-għoti ta' aċċess għall-finanzjament b'daqsijiet ta' fondi li huma taħt il-massa kritika huwa ferm probabbli li ma jkunx sostenibbli. Dan minħabba li l-ispejjeż ġenerali u r-riskji assoċjati mal-investimenti jew is-self ma jistgħux jinfirxu f'numru suffiċjenti ta' SMEs[41].

[41] *"Comparative Study of Venture Capital and Loan Funds Supported by the Structural Funds"* (Studju Kumparattiv ta' Kapital tar-Riskju (VC) u Fondi ta' Self Appoġġati mill-Fondi Strutturali), ir-Rapport Finali kkommissjonat mid-DĠ għall-politika Reġjonali (Iċ-Ċentru għall-Istrateġija u s-Servizzi ta' Evalwazzjoni, 2007).

**IL-KAXXA 3**

## IL-PRATTIKA TAJBA MISJUBA FI PROGRAMMI OĦRA TAL-SMES

Fil-Ġermanja, il-Programm Ewropew ta' Rkupru (ERP) għadu ma ġiex iffissat b'xi terminu tal-perjodu tal-programm u għadu ma ġiex implimentat reġjonalment. Bħala fond nazzjonali dejjem fis-seħħ għall-benefiċċju tal-impriżi Ġermaniżi, dan huwa fond li verament jista' jerġa' jintuża, minħabba li finanzjament li jintiret ma jistax jiġi tras-format lura f'għotjiet.

Il-Programm ta' Kumpaniji li Jinvestu f'Negozji Żgħar (SBIC) fl-Istati Uniti tal-Amerka u l-Ministeru tal-Industrija, il-Kummerċ u x-Xogħol tal-Istat tal-Iżrael (MOITAL[42]), il-Fond R&Ż, il-programmi Yozma u Inkubaturi Teknoloġiċi fl-Iżrael jagħtu aċċess għall-finanzjament għal negozji żgħar mingħajr ma japplikaw differenzazzjoni reġjonali. Għall-SBIC, il-fokus huwa l-akkreditazzjoni u l-kontroll tal-intermedjarji finanzjarji, filwaqt li għall-MOITAL, huwa l-fokus strett fuq SMEs ta' teknoloġija avvanzata.

Dawn il-programmi kollha jenfasizzaw fatturi prinċipali oħra, għalkemm differenzi importanti reġjonali jeżistu fil-Ġermanja, fl-Istati Uniti u fl-Iżrael.

[42] Ara l-***Anness III***.

**73.** Fir-Renju Unit u fil-Ġermanja rispettivament, EUR 433 miljun u EUR 204 miljun, matul il-perjodu ta' programmar tferrxu madwar 31 reġjun fir-Renju Unit (medja ta' madwar EUR 14-il miljun għal kull reġjun) u 21 reġjun fil-Ġermanja (medja ta' madwar EUR 10 miljun għal kull reġjun). B'mod partikolari, 14-il struttura ta' finanzjament reġjonali kellhom inqas minn EUR 10 miljuni biex jiffinanzjaw l-SMEs fir-reġjuni żviluppati u popolati ta' Berlin, Londra, in-North Rhine-Westphalia u l-West Midlands permezz ta' diversi strumenti finanzjarji. Barra minn hekk, fil-każ ta' Berlin, il-fondi kellhom jiddistingwu l-SMEs skont il-lok tal-kummerċ tagħhom f'ħames unitajiet territorjali differenti[43].

[43] Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 3, 4 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006: l-Objettiv 1 (oqsma prinċipali jew tranżitorji), l-Objettiv 2 (oqsma prinċipali u tranżitorji) u oqsma mhux eliġibbli.

**74.** It-***Tabella 1*** turi d-daqsijiet tal-fondi, inkluża l-kontribuzzjoni privata, fejn applikabbli, f'erba' reġjuni differenti tal-UE.

**T-TABELLA 1**

## ID-DAQS TA' FONDI FIR-REĠJUNI TAL-FEŻR TA' BERLIN, NORTH RHINE- WESTPHALIA, LONDRA U L-WEST MIDLANDS (L-ISMIJIET TAL-FONDI QED JINŻAMMU ANONIMI)

| IL-PAJJIŻ | IR-REĠJUN | ISEM IL-FOND | DAQS IL-FOND (*f' EUR miljun*) |
|---|---|---|---|
| IL-ĠERMANJA | Berlin | Il-Fond ta' Self A (kumpartiment tal-Objettiv 1) | 4,52 |
| | | Il-Fond ta' Self A (kumpartiment tal-Objettiv 2) | 7,22 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità A (kumpartiment tal-Objettiv 1) | 1,26 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità A (kumpartiment tal-Objettiv 2) | 4,14 |
| | NRW | Il-Fond ta' Ekwità D | 0,41 |
| IR-RENJU UNIT | Londra | Il-Fond ta' Ekwità O (l-Objettiv 2) | 7,98 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità N (l-Objettiv 2) | 5,95 |
| | | Il-Fond ta' Self H (operazzjoni ta' self) | 3,62 |
| | | Il-Fond ta' Self G | 1,88 |
| | | Il-Fond ta' Self H (operazzjoni finanzjament intermedju) | 0,82 |
| | West Midlands | Il-Fond ta' Ekwità P | 13,12 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità L | 13,08 |
| | | Il-Fond ta' Self J | 7,08 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità Q | 6,23 |
| | | Il-Fond ta' Ekwità M | 3,46 |
| | | Il-Fond ta' Self I | 1,00 |

*Nota*: Ir-rata tal-BĊE tal-GBP/EUR mill-31.12.2008 (id-data tal-għeluq tal-pagamenti): 1,0499.

75. Fil-każ ta' tlieta mill-fondi, li jkopru r-reġjuni ta' Londra, North Rhine-Westphalia u l-West Midlands rispettivament, il-profil kumbinat tar-riskju u d-daqs żgħir tal-fond fir-realtà kkawżaw riskju għall-portafoll sħiħ tal-fond, minħabba diversifikazzjoni insuffiċjenti tar-riskju meħud mill-fond.

76. Ir-riskju li l-Awtoritajiet Ġestjonarji tal-FEŻR jistgħu jxerrdu l-finanzjament tal-SMEs huwa rilevanti għall-perjodu ta' programmar 2007–13 ukoll. Fi żmien il-verifika, ma kienx hemm evidenza li r-reġjuni kkonċernati kien ħa jkollhom id-daqsijiet tal-fondi ddotati b'massa kritika suffiċjenti. Eżempju ċar qed jingħata fil-***Kaxxa 4*** (is-Slovakkja).

77. Għal kuntrarju ta' dan, l-istabbiliment ta' fondi tal-fondi u fondi b'massa kritika suffiċjenti huwa iffaċilitat meta, Stat Membru skont ir-regoli nazzjonali tiegħu, jista' jikkunsidra t-territorju tiegħu bħala reġjun ewlieni (il-Litwanja) jew jimmira miżuri tal-inġinerija finanzjarja għal programm operazzjonali speċifiku wieħed fuq livell multireġjonali (il-Portugall). Fl-istess ħin, dan jiffaċilita l-implimentazzjoni, minħabba li hemm bżonn biss ta' Awtorità Ġestjonarja waħda.

**IL-KAXXA 4**

## IL-MASSA KRITIKA MHUX SUFFIĊJENTI FIS-SLOVAKKJA

Fis-Slovakkja, pereżempju, daqsijiet ta' fondi li kienu taħt il-massa kritika oriġinarjament kienu ġejjin minn sa ħames programmi operazzjonali nazzjonali differenti u dan kien imur kontra l-parir espliċitu tal-FEI, il-ġestjonarju tal-fond tal-fondi.

Il-problema tad-daqs tal-massa kritika insuffiċjenti marret għall-agħar bl-applikazzjoni tal-kunċetti tal-Kummissjoni ta' żona "assistita" u "mhux assistita", li huma użati fil-kuntest ta' konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-UE u mhumiex relatati mal-kunċett tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-SMEs.

Sabiex tkun assigurata eżenzjoni nazzjonali mir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Slovakki identifikaw lil Bratislava bħala "reġjun mhux assistit". Terz mill-SMEs Slovakki kollha u nofs il-potenzjal tas-Slovakkja fir-riċerka u fl-iżvilupp huma bbażati fir-reġjun tal-kapital. Għalhekk, SMEs numerużi kienu esklużi mill-benefiċċju tal-istrumenti ta' garanzija u kienu allokati ammont żgħir ħafna fi strumenti ta' ekwità.

### IS-SISTEMI TA' MONITORAĠĠ U INFORMAZZJONI TAL-KUMMISSJONI U TAL-ISTATI MEMBRI MA JINDIRIZZAWX L-ISPEĊIFIĊITAJIET TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

**78.** Il-kumplessità kkumbinata ta' strumenti finanzjarji l-ġestjoni maqsuma u l-għajnuna mill-Istat u r-regoli tal-Fondi Strutturali kienet teħtieġ sistemi speċifiċi ta' informazzjoni, komunikazzjoni u monitoraġġ bejn il-Kummissjoni, l-Awtoritajiet Ġestjonarji u l-benefiċjarji (l-intermedjarji finanzjarji). Barra minn hekk, meta wieħed iqis id-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-qafas regolatorju tal-2007–13, l-Istati Membri u partijiet interessati oħra b'mod partikolari talbu gwida mingħand il-Kummissjoni u l-parir tagħha.

**79.** Skont iż-żewġ perjodi ta' programmar 2000–06 u 2007–13, l-Istati Membri u l-Awtoritajiet Ġestjonarji għandhom jikkorrispondu mal-hekk imsejħa "skrivaniji ġeografiċi" tad-DĠ għall-politika Reġjonali. Abbażi tas-sejbiet tal-verifika interna tad-DĠ għall-politika Reġjonali, dawn l-iskrivaniji ntlaqtu minn fluss dgħajjef ta' informazzjoni u trasparenza limitata[44].

**80.** Matul il-perjodu ta' programmar 2007–13, il-Kummissjoni stabbiliet unità li, fost l-oħrajn, kienet responsabbli għall-istrumenti finanzjari tal-SMEs appoġġata mill-FEŻR. Iżda l-biċċa l-kbira tal-persunal ġie allokat attivitajiet tal-unità oħrajn.

**81.** Fil-prattika, tlieta biss mill-persunal fuq bażi full-time ekwivalenti ġew mogħtija attivitajiet relatati mal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja tal-SMEs. Minħabba li s-sejħiet interni biex l-għarfien jinqasam ma' Direttorati Ġenerali oħrajn ġew injorati[45] u ma kien hemm ebda applikazzjoni tat-teknoloġija tal-informazzjoni aċċessibbli għall-Istati Membri u għall-partijiet interessati, il-Kummissjoni jista' jkun li m'għandhiex il-mezzi li tipprovdi gwida u pariri xierqa.

[44] Parir mid-DĠ għall-politika Reġjonali IAA (ir-rapport finali), l-4 ta' Marzu 2010.

[45] Parir mid-DĠ għall-politika Reġjonali IAA (ir-rapport finali), l-4 ta' Marzu 2010.

**82.** L-istrumenti standard li jimmonitoraw il-politika ta' koeżjoni stabbiliti għall-FEŻR[46] mhumiex xierqa jew adattati biżżejjed għall-iskop ta' strumenti finanzjarji.

(a) **Ir-Rapporti Annwali ta' Implimentazzjoni**, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, ma jirrappurtawx b'mod speċifiku dwar il-prestazzjoni ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja.

(b) Il-qasam ta' attività legali tal-**Kumitati ta' Monitoraġġ** huwa li jimmonitoraw fil-livell tal-programm operazzjonali[47]. Konsegwentement, ġeneralment huma m'humiex f'pożizzjoni li jindirizzaw l-ispeċifiċitajiet tat-tipi differenti ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja.

(c) **L-indikaturi tal-programm operazzjonali** ma jagħmlux id-distinzjoni bejn strumenti finanzjarji (strumenti li jridu jitħallsu lura) u għotjiet (strumenti li ma jridux jitħallsu lura)[48]. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi użati — makroindikaturi tal-iżvilupp[49] orjentati lejn ir-riżultati — mhumiex ta' għajnuna fl-ivvalutar tal-progress tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja.

**83.** Minħabba li hija konxja minn din id-dgħufija, fin-nota ta' interpretazzjoni tagħha ta' Frar 2011, il-Kummissjoni rrakkommandat lis-27 Stat Membru li huma jirrappurtaw dwar 'il fuq minn 100 indikatur issuġġeriti[50].

## L-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI FIL-KISBA TAR-RIŻULTATI

**84.** Meta vvalutat l-effettività u l-effiċjenza li bihom l-FEŻR iwassal l-istrumenti finanzjarji, il-Qorti eżaminat jekk u safejn:

(a) Il-finanzjament tal-SMEs kienx soġġett għal dewmien.

(b) Spejjeż mhux iġġustifikati tal-ġestjoni naqqsux il-fondi disponibbli fir-realtà għall-finanzjament tal-SMEs (l-effetti tat-tnaqqis)[51].

(c) Il-fondi pubbliċi ingranawx il-finanzjament privat.

### DEWMIEN FUQ FIRXA WIESGĦA

**85.** Il-valutazzjoni dwar jekk l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament twassalx fil-ħin jew le saret permezz ta' paragun mal-bidu tal-programmi operazzjonali rispettivi, fl-1999/2000 u l-2007 rispettivament.

[46] L-Artikoli 34 sa 37 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 u l-Artikoli 63 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

[47] L-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 u l-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Instabu żewġ eċċezzjonijiet speċifiċi għar-Renju Unit, f'Londra u l-West Midlands, fejn il-Kumitati ta' Monitoraġġ iltaqgħu apposta biex jindirizzaw il-programmar tal-miżuri u l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja.

[48] Matul il-perjodu ta' programmar 2000-2006, fir-reġjuni vverifikati fl-Ingilterra u fil-Ġermanja, ammonti kklassifikati mill-Kummissjoni taħt l-indikatur tal-"Inġinerija finanzjarja" instabu li kienu jinkludu maġġoranza ta' għotjiet lill-SMEs jew organizzazzjonijiet li jappoġġaw lill-SMEs. Għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, l-indikatur "Inġinerija finanzjarja" tal-Kummissjoni sparixxa għal kollox.

[49] Eż. "ix-xogħol miżmum, maħluq", "azzjonijiet favur l-inizjattivi lokali", "impriżi li għandhom kwalità mtejba", eċċ.

[50] In-nota ta' interpretazzjoni COCOF/10/0014/00, l-Anness II tar-Rapport Mudell dwar il-Monitoraġġ (il-Kummissjoni, Frar 2011).

[51] Fil-kuntest ta' din il-verifika ta' prestazzjoni, l-effetti ta' tnaqqis fil-forma ta' spejjeż mhux ġustifikati tal-ġestjoni biss ġew ikkunsidrati.

86. Apparti mill-fatt li dewmien fl-aċċess għall-programmi tal-finanzjament jista' jikkawża riskju ta' reputazzjoni, l-effetti sekondarji probabbli oħra ta' dewmien jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-Kummissjoni li tirriċikla l-fondi fil-perjodi ta' programmar 2007–13 u fil-perjodi ta' programmar segwenti.

87. Kull meta jkun hemm dewmien fit-twassil tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, il-fondi ma jistgħux jonfqu l-flus li l-SMEs jistgħu jkunu intitolati għalihom fil-forma ta' strumenti finanzjarji. Mill-perspettiva tal-Awtorità Ġestjonarja, dan ifisser li l-alternattiva li jintużaw għotjiet għall-SMEs issir aktar attraenti.

88. Il-kawżi prinċipali tad-dewmien fiż-żewġ perjodi ta' programmar ġew im-qassra fit-***Tabella 2***. Id-dewmien kien fuq firxa wiesgħa madwar l-Istati Membri. Xi kawżi ta' dewmien reġgħu tfaċċaw fil-perjodu ta' programmar preżenti u, apparti mill-kisba tal-kontribuzzjoni mis-settur privat, id-dew-mien huwa anqas relatat ma' ċirkostanzi finanzjarji mhux stabbli aktar milli ma' raġunijiet amministrattivi, legali, organizzattivi jew strateġiċi.

IT-TABELLA **2**

## IL-KAWŻI PRINĊIPALI TA' DEWMIEN FL-IMPLIMENTAZZJONI TA' STRUMENTI FINANZJARJI TAL-FEŻR

| IL-KAWŻI GĦAD-DEWMIEN | L-ISTATI MEMBRI JEW IR-REĠJUNI |
|---|---|
| **2000–06** | |
| Strutturar u negozjati li jieħdu l-ħin | Berlin, Londra, North Rhine-Westphalia, il-Portugall, West Midlands |
| Kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat fir-reġjuni tal-Objettiv 2 | Londra, North Rhine-Westphalia, West Midlands |
| Il-gwida tal-Kummissjoni fuq l-istrutturi tal-fondi | Berlin, Londra |
| Il-kisba tal-kontribuzzjoni mis-settur privat | Londra |
| **2007–13** | |
| Strutturar u negozjati li jieħdu l-ħin | Il-Greċja, Londra, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja |
| Il-kisba tal-kontribuzzjoni mis-settur privat | Londra, il-West Midlands, l-Ungerija |
| Raġunijiet amministrattivi | L-Andalusija, il-Greċja, il-Polonja, Sardinja |
| In-negozjati dwar l-ispiża tal-ġestjoni | Il-Polonja, is-Slovakkja |
| Arranġamenti ta' governanza | Il-Greċja, is-Slovakkja |
| L-inċertezza tal-eliġibbiltà tal-kapital li jdur | L-Ungerija |
| L-entità tan-negozjati mhijiex Awtorità ta' Ġestjoni | Is-Slovakkja |

*Nota:* Id-dewmien jista' jkun li ma jikkonċernax it-tipi kollha tal-istrumenti finanzjarji li jridu jiġu fornuti; dewmien ta' inqas minn sentejn mid-data ta' approvazzjoni tal-programm operazzjonali ġie injorat; il-kategoriji ġew issimplifikati mill-awdituri; il-kategoriji kollha huma bbażati fuq l-evidenza.

**89.** Xi ftit eżempji ċari ġew spjegati fil-paragrafi segwenti, b'wieħed minnhom meħud mill-perjodu ta' programmar preċedenti u tlieta minn dak preżenti.

**90.** Fil-**Ġermanja**, fil-perjodu ta' programmar 2000–06 l-fondi bdew tard ħafna, u b'hekk minn tal-inqas tliet fondi f'Berlin u fin-North Rhine-Westphalia ma setgħux jonfqu l-ammonti prevvisti ta' finanzjament tal-SMEs ta' EUR 24,4 miljun, EUR 13,6 miljun u EUR 2,6 miljun rispettivament. Dan irrappreżenta firxa minn 18 % sa 87 % ta' fondi mhux użati mill-ammont ippjanat oriġinarjament.

**91.** Fil-**Greċja**, il-ftehim tal-fond tal-fondi ġie ffirmat f'Ġunju 2007 u sew qabel ma tfaċċat il-kriżi tad-dejn sovran ta' dan l-Istat Membru. Mit-30 ta' Ġunju 2011 'il quddiem 0,21 % biss tal-fond tal-fondi ta' EUR 250 miljun, effettivament ġie imħallas lill-SMEs. Huwa biss minn April 2011 li l-SMEs Griegi bdew jirċievu s-sostenn tal-FEŻR. Minħabba li r-Repubblika Ellenika u l-FEI ffirmaw il-ftehim tal-fond tal-fondi kmieni, is-sejħiet għall-offerti setgħu jinħarġu direttament mill-ġestjonarju tal-fond tal-fondi li kieku l-Istat Membru ma kienx ittardja l-arranġamenti ta' governanza tal-fond, speċjalment billi għamilhom dipendenti fuq l-appuntamenti fi ħdan l-Awtoritajiet tal-Ġestjoni involuti u fil-bord ta' investimenti tal-fond.

**92.** Fis-**Slovakkja**, minn Ġunju 2011 u ħames snin wara li l-FEI u r-Repubblika Slovakka ffirmaw Memorandum ta' Ftehim, l-SMEs tħallew mingħajr finanzjament tal-FEŻR. L-allokazzjoni tal-fondi mill-programmi operazzjonali differenti u t-termini u l-kundizzjonijiet fir-rigward tal-istabbiliment tal-fond tal-fondi ġew iffinalizzati biss f'Jannar 2011. L-intermedjarji finanzjarji għadhom ma nstabux u l-ispejjeż tal-ġestjoni ilhom jitħallsu minn Ottubru 2009.

**93.** Fil-**Polonja**, mill-2008 sa Ġunju 2011, l-SMEs ma kinux iffinanzjati mill-FEŻR. Wara li ddeċidiet li ma tappuntax lill-FEI bħala l-ġestjonarju tal-fond tal-fondi, ir-Repubblika Pollakka appuntat lill-bank tal-iżvilupp tagħha, Bank Gospodarstwa Krajowego, li għadu jrid jiftiehem ma' ħames awtoritajiet reġjonali fuq sistema uniformi ta' spejjeż tal-ġestjoni. Il-Ministeru Pollakk tal-Iżvilupp Reġjonali rrefera għad-diffikultajiet legali u organizzattivi tal-Inizjattiva tar-Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji (JEREMIE) u, b'mod partikolari, għall-bżonn li minħabba fil-kumplessità tagħhom ir-regolamenti tal-fondi Strutturali jiġu interpretati b'mod wiesa'[52].

[52] Ittra indirizzata lill-Istituzzjoni Suprema tal-Verifika Pollakka ddatata t-3 ta' Jannar 2011, li l-kontenut tagħha ġie ċċekkjat flimkien mal-fajls interni tad-DĠ għall-politika Reġjonali.

## L-EFFETTI TA' TNAQQIS

**94.** Hija prattika normali tas-suq li l-SMEs jistgħu jintalbu li jħallsu l-ispejjeż tal-ġestjoni minn intermedjarji finanzjarji. Madankollu, fil-kuntest tal-FEŻR, spejjeż bħal dawn ġeneralment huma mħallsa direttament mill-programm operazzjonali lill-intermedjarji finanzjarji bħala rimborż jew kumpens għall-ġestjoni tal-fondi[53].

### IMPOSTI ADDIZZJONALI GĦALL-SMEs ...

**95.** Il-gwida tal-Kummissjoni (inklużi żewġ noti ta' interpretazzjoni tal-2007 u tal-2011) ma tistabbilixxix il-kundizzjonijiet, li kieku jimpedixxu lill-SMEs milli jħallsu spejjeż li mhumiex ibbażati fuq ir-riskju meħud attwali tal-SMEs jew is-servizz mogħti mill-intermedjarji finanzjarji.

**96.** F'Saxony-Anhalt (il-Ġermanja) u l-Estonja, l-intermedjarji finanzjarji appuntati mill-Awtoritajiet Ġestjonarji rispettivi ċċarġjaw lill-SMEs individwali għall-ispejjeż ta' finanzjament mill-ġdid u tal-ipproċessar, prattika li nkixfet waqt il-verifiki tal-2009 tal-Qorti. L-ispejjeż tal-finanzjament mill-ġdid u tal-ipproċessar huma oġġetti ta' nefqa operattiva ordinarja għall-intermedjarji finanzjarji.

**97.** Fl-Ingilterra wkoll, l-SMEs ġew iċċarġjati spejjeż tal-arranġamenti, tal-ittrattar, tal-monitoraġġ u ta' tipi oħra minbarra l-ispejjeż normali tas-suq. L-istatus tal-ispejjeż tal-ittrattar u l-monitoraġġ fir-rigward tal-impatt fuq id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa eliġibbli fl-għeluq bħalissa qiegħed jiġi investigat mill-Kummissjoni bħala parti mill-ispezzjonijiet tal-verifika li qed isiru fir-reġjuni Ingliżi.

### ... MHUX DEJJEM TRASPARENTI ĦAFNA

**98.** Minħabba li l-Kummissjoni ma tikkunsidrax li legalment l-SME huwa l-benefiċjarju u minħabba li l-Istati Membri mhux dejjem jirrappurtaw l-ispejjeż tal-ġestjoni b'mod korrett, kien hemm drabi fejn l-ispejjeż tal-ġestjoni mġarrba mill-SMEs ma kinux magħrufa.

[53] Meħud min-nota ta' Interpretazzjoni COCOF 10/0014/04, il-punt 2.6.

**99.** Mis-16-il fond ta' ekwità vverifikati, l-ispejjeż ta' ġestjoni ta' erbgħa minnhom ma setgħux jiġu stmati minħabba f'nuqqas ta' *data* disponibbli fi żmien il-verifika.

**100.** Pereżempju, fin-North Rhine-Westphalia, la l-Awtorità Ġestjonarja, u lanqas il-ġestjonarju tal-fond appuntat, ma setgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ġestjoni realment imġarrba mir-reġjun. Fil-fatt, dokumentazzjoni dwar il-kalkolu tar-rata ta' interess iċċarġjata, inkluża l-marġni għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-ġestjoni, ma setgħetx tingħata. Spejjeż addizzjonali għall-appoġġ tal-SMEs (inklużi l-ispejjeż tal-konsulenti esterni) kienu ffinanzjati permezz tal-fondi fil-każ ta' wieħed mill-fondi ta' ekwità ta' stadju bikri, imma stampa ġenerali ta' dawn l-ispejjeż ukoll ma setgħetx tingħata.

**101.** In-nuqqas ta' informazzjoni robusta dwar l-ispejjeż tal-ġestjoni mhuwiex il-problema tal-fondi tal-ekwità biss, iżda huwa problema aktar mifruxa. Fi 11 mill-34 operazzjoni vverifikati, ir-rati tal-ispejjeż tal-ġestjoni ma setgħux jiġu identifikati, minħabba li informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ġestjoni ma kinitx disponibbli jew ma kinitx affidabbli.

### REKORD FQIR TAL-FEŻR FL-ATTRAZZJONI TA' FLUS PRIVATI

**102.** Il-Kummissjoni u partijiet internazzjonali oħra fil-qasam tal-finanzjament tal-SMEs (ara l-paragrafu 25) jikkunsidraw li l-kontribuzzjoni li tattira finanzjament mis-settur privat — hija waħda mill-vantaġġi prinċipali għas-sosteniment tal-SMEs permezz ta' strumenti finanzjarji[54]. Minħabba f'hekk, il-Qorti tiddefinixxi l-ingranaġġ bħala l-punt safejn il-finanzjament privat ġie attirat, hekk kif spjegat fil-***Kaxxa 5***.

**103.** Meta l-finanzjament pubbliku huwa limitat għal kontribuzzjoni tal-UE (simili għall-programmi tal-UE ġestiti b'mod ċentrali) iż-żewġ kalkolazzjonijiet jipproduċu l-istess riżultat. Madankollu, is-sitwazzjoni hija ġeneralment differenti fil-kuntest tal-politika tal-Koeżjoni. Il-kofinanzjament tal-Istati Membri ta' programmi operazzjonali ġeneralment jikkostitwixxi finanzjament pubbliku: huma jistgħu jkunu nazzjonali, reġjonali jew jieħdu l-forma ta' għajnuna pubblika[55].

[54] Skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011) 662 dwar il-pjattaformi tad-dejn u l-ekwità tal-UE (p. 7), l-ingranaġġ jinkiseb permezz tal-kofinanzjament mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew permezz tal-volumi ta' debitu addizzjonali li l-banek u l-istituzzjonijiet ta' garanzija huma mitluba jipprovdu lill-benefiċjarji finali (fil-komunikazzjoni l-SMEs qed jissejħu l-benefiċjarji finali).

[55] F'xi każijiet rari ħafna, il-kofinanzjament tal-Istati Membri jieħu l-forma ta' self kummerċjali privat.

**104.** Billi l-Kummissjoni tinkludi l-kofinanzjament tal-Istati Membri ta' programm operazzjonali bħala kontribuzzjoni fl-effett multiplikatur, il-porzjon tal-Qorti ma tikkunsidrax dan bħala kontribuzzjoni għall-effett tal-ingranaġġ. Tassew, il-kofinanzjament tal-Istati Membri mhuwiex speċifiku għall-istrumenti finanzjarji. Kofinanzjament tal-Istati Membri bħal dan jeżisti għal kull azzjoni tal-politika ta' Koeżjoni, inklużi wkoll l-għotjiet tradizzjonali li ma jintraddux lura.

**105.** Fil-livell tal-fondi tal-fondi, il-verifika ma ltaqgħetx ma' ingranaġġ sinifikanti mis-settur privat. Din kienet ir-realtà għaż-żewġ perjodi ta' programmar. Fil-fatt, tipikament m'hemm l-ebda rekwiżiti espliċiti ta' ingranaġġ fil-ftehimiet tal-finanzjament bejn l-Awtoritajiet Ġestjonarji u l-intermedjarji finanzjari, ħlief għal ċertu fondi ta' ekwità fir-Renju Unit, li kellhom ħtiġijiet ta' ingranaġġ vinkolanti għal koinvestituri privati.

**IL-KAXXA 5**

## L-INGRANAĠĠ

Il-Qorti kkalkulat l-ingranaġġ kif ġej:

$$\frac{\text{Il-finanzjament lill-benefiċjarji finali}}{\text{Il-kontribuzzjonijiet pubbliċi}^{56}}$$

Billi juża l-metodu ta' kalkolazzjoni tal-Qorti, l-Anness II jagħti ħarsa ġenerali skematika ta' kif jaħdem l-ingranaġġ għal kull kategorija prinċipali ta' strument finanzjarju u, fil-kuntest tal-FEŻR, kif il-kunċett tal-ingranaġġ għandu jinftiehem. Pereżempju, porzjon ta' ingranaġġ ta' 1,00 ifisser li ma ngħata ebda finanzjament privat.

F'Awwissu 2011, il-Kummissjoni fformalizzat il-kunċett tal-"effett multiplikatur", li jikkorrispondi għal:

$$\frac{\text{Finanzjament lil-benefiċjarji finali}}{\text{Kontribuzzjoni tal-UE}}$$

Kemm in-numeratur tal-porzjon ta' ingranaġġ tal-Qorti u kif ukoll dak tal-porzjon multiplikatur tal-Kummissjoni huma identiċi. Fir-rigward tad-denominatur, filwaqt li l-Qorti tgħodd il-finanzjament pubbliku kollu flimkien, il-Kummissjoni tieħu l-kontribuzzjoni tal-UE biss inkunsiderazzjoni.

[56] Dan jinkludi kemm il-kontribuzzjoni FEŻR u, bħas-soltu għall-FEŻR, il-kofinanzjament mogħti mill-Istati Membri. Ir-Renju Unit kien każ eċċezzjonali minħabba li s-settur privat ipprovda l-finanzjament tal-Istat Membru skont ir-regoli ta' kofinanzjament tar-Regolament; dan il-finanzjament ġie kkunsidrat bħala finanzjament privat u mhux finanzjament pubbliku, billi ġie applikat il-prinċipju ta' sustanza fuq il-forma.

**106.** Għall-istrumenti ta' ekwità u ta' self, il-Qorti sabet li l-ingranaġġ miksub ma kienx sinifikanti u kien aktar baxx minn punti ta' riferiment kumparabbli. Għall-istrumenti ta' garanzija, b'kuntrast, l-ingranaġġ kien għoli ħafna.

### L-INGRANAĠĠ TAL-ISTRUMENTI TA' EKWITÀ TAL-FEŻR

**107.** Għal dan it-tip ta' strument finanzjarju, il-Qorti vverifikat:

(a) ħames fondi VC li jiffukaw fuq SMEs (ISMEs) ta' teknoloġija avvanzata;

(b) 12-il fond ta' kapital ta' riskju bi ftit jew ebda fokus fuq it-teknoloġija avvanzata.

**108.** It-***Tabella 3*** turi li l-porzjonijiet tal-ingranaġġ miksuba varjaw minn madwar 1 (ebda ingranaġġ ta' finanzjament privat) sa 2,75.

**109.** Bħala punt ta' riferiment, il-Qorti użat il-Faċilità Start-up tal-ETF, li hija ffinanzjata b'mod ċentrali mill-Kummissjoni u hija aċċessibbli għall-intermedjarji finanzjarji eliġibbli kollha fl-UE taħt il-ġestjoni fiduċjarja ta' ġestjonarju tal-fond wieħed, il-FEI. Il-Faċilità hija intenzjonata għall-VC u tiffoka fuq SMEs li huma relattivament riskjużi.

**110.** Il-Faċilità Start-up tal-ETF kisbet medja aggregata tal-porzjon tal-ingranaġġ ta' 4,6 (1998–2008) u 6,50 (2001–08) u rnexxielha wkoll tiġġenera dħul għall-Kummissjoni[57]. B'mod aktar speċifiku, fil-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit, fejn il-FEŻR kien ugwalment attiv, il-porzjonijiet ta' ingranaġġ miksuba mill-Faċilità Start-Up tal-ETF kienu 4,88, 5,93 u 5,03[58] rispettivament. Mill-banda l-oħra, minn April 2000 sa Ġunju 2010 l-porzjonijiet ta' ingranaġġ miksuba mill-FEŻR għall-fondi vverifikati (fit-***Tabella 3***) varjaw minn 1,09 sa 2,75.

[57] Evalwazzjoni esterna tal-EIP għad-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija, p. xi, 63 u 67, it-30 ta' April 2009. Iċ-ċifri tal-evalwatur tqiesu plawżibbli abbażi ta' evalwazzjoni ta' MAP preċedenti u indipendenti (2001-2005) għad-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija, li fl-2004 kienet diġà semmiet li l-ETF Start-Up laħaq ingranaġġ ta' 4,00. Barra minn hekk, abbażi taċ-ċifri ta' Ġunju 2009 tar-rapport ta' kull tliet xhur tal-FEI (maħruġ wara l-evalwazzjoni tal-2009), iċ-ċifri għall-programmi kienu 4,91 u 6,52 rispettivament għall-istrumenti tal-ekwità li bdew skont il-programmi tal-1998 u l-2001.

[58] Iċ-ċifri peżati għall-Ġermanja, il-Portugall u r-Renju Unit ibbażati fuq it-Tabelli 3a u 3b, ir-Rapport Annwali tal-ETF Start-up, il-21 ta' Ottubru 2009, id-*data* fit-30 ta' Ġunju 2009.

IT-TABELLA **3**

## L-INGRANAĠĠ TAL-ISTRUMENTI TAL-EKWITÀ VVERIFIKATI (L-ISMIJIET TAL-FONDI QED JINŻAMMU ANONIMI)

| L-Istati Membri | Isem il-Fond | Id-deskrizzjoni tal-prodott | Il-porzjon tal-ingranaġġ |
|---|---|---|---|
| **Il-fondi ta' teknoloġija avvanzata** | | | |
| il-Ġermanja | Il-Fond ta' Ekwità B | VC (teknoloġija avvanzata) | 2,26 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità L | VC ekwità (teknoloġija avvanzata) | 2,01 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità M | VC ekwità (teknoloġija avvanzata ta' stadju bikri) | 1,95 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità N | VC ekwità (teknoloġija avvanzata ta' stadju bikri) | 1,89 |
| il-Ġermanja | Il-Fond ta' Ekwità D | VC (teknoloġija avvanzata ta' stadju bikri) | 1,33 |
| **Il-fondi l-oħra** | | | |
| il-Ġermanja | Il-Fond ta' Ekwità A | Kapital tar-Riskju (multisettorali) | 2,75 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Ekwità G | Fond tal-fondi VC ekwità | 2,22 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Ekwità H | VC ekwità (multisettorali) | 2,12 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità O | VC ekwità (kreattività ta' stadju bikri) | 1,89 |
| il-Ġermanja | Il-Fond ta' Ekwità C | Kapital tar-Riskju (multisettorali) | 1,88 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità P | Fond li jinvesti fil-films | 1,78 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Ekwità E | VC ekwità (multisettorali) | 1,72 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Ekwità F | VC ekwità (multisettorali) | 1,43 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Ekwità I | VC ekwità (is-settur tat-turiżmu) | 1,33 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Ekwità Q | VC ekwità (kreattività ta' stadju bikri) | 1,09 |
| is-Slovakkja | Il-Fond ta' Ekwità J | VC ekwità 'l barra mir-reġjun ta' Brattislava | - |
| is-Slovakkja | Il-Fond ta' Ekwità K | VC ekwità fir-reġjun ta' Brattislava | - |

*Noti*:

- Il-Fondi ta' Ekwità E u F kienu fil-fażi ta' investiment tal-bidu fi żmien iż-żjara tal-verifika.
- Ir-rati tal-ingranaġġ ġew ikkalkolati abbażi tal-figuri trażmessi matul il-verifika mill-ġestjonarju tal-fond jew mill-Awtorità Ġestjonarja.

### L-INGRANAĠĠ TA' STRUMENTI TA' SELF TAL-FEŻR

**111.** Irrispettivament minn kull punt ta' riferiment, it-***Tabella 4*** turi li ħames mill-10 fondi ta' self ma ingranaw ebda finanzjament privat, filwaqt li l-fondi ta' self oħra wrew ingranaġġ limitat ħafna.

**112.** Bħala punt ta' riferiment, il-Qorti użat il-Faċilità ta' Finanzjament tal-SMEs (SMEFF), li ntużat fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u l-2007 qabel ma kisbu dak l-istatus. Is-SMEFF ta għotjiet (prinċipalment ħlasijiet għall-prestazzjoni, imma wkoll l-hekk imsejħa "assistenza teknika") lin-netwerks tal-intermedjarji finanzjarji lokali permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali[59]. Dawn l-għotjiet kienu kkundizzjonati bi twaqqif effettiv u l-użu mill-ġdid tal-portafolli tad-dejn tal-SMEs b'daqs iddefinit minn qabel.

**113.** Is-SMEFF tal-UE ingranat il-finanzjament privat u kisbet porzjonijiet ta' ingranaġġ li normalment eċċedew il-5 imma li waslu sa 12,5 u 19,2[60]. Mill-1998 sa Ġunju 2009 u skont min kien l-intermedjarju finanzjarju ta' implimentazzjoni, is-SMEFF kiseb porzjonijiet ta' ingranaġġ minn 2 sa 12,5 fl-Ungerija u minn 4 sa 10 fis-Slovakkja.

### L-INGRANAĠĠ TAL-ISTRUMENTI TA' GARANZIJA TAL-FEŻR

**114.** Kienu inqas il-fondi ta' garanzija li kienu soġġetti għall-verifika (sitta, ara t-***Tabella 5***), minħabba li r-Renju Unit u r-reġjuni vverifikati fil-Ġermanja ġeneralment ma jużawx garanziji tal-FEŻR.

**115.** Il-porzjonijiet tal-ingranaġġ varjaw ħafna, b'171 li huwa l-ogħla. Anke l-porzjon l-aktar baxx (4,16) ta' fond ta' garanzija fl-Ungerija u li beda jopera f'Novembru 2008 huwa porzjon ta' ingranaġġ ogħla minn dak miksub minn kwalunkwe wieħed mill-fondi ta' ekwità u self. Dawn il-livelli ta' ingranaġġ jikkumparaw tajjeb mal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (is-SMEG, ara l-paragrafu 6(a)) li b'mod kumulattiv ingrana għal 67 darba kull euro ta' flus pubbliċi minfuqa mill-2001 sal-2006[61].

[59] Il-Kummissjoni ħadmet ma' tliet istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali: is-CEB/KfW, il-BERŻ u l-BEI.

[60] Ir-Rapport ta' Nofs is-Sena tas-SMEFF — BEI tal-2009, p. 1. Ir-Rapport Operazzjonali ta' nofs is-sena tal-Faċilità ta' Finanzjament tal-SMEs tal-UE/BERŻ, Ġunju 2009, p. 70.

[61] Ir-Rapport tal-aħħar dwar il-MAP (SMEG), il-31 ta' Diċembru 2006, p. 7.

IT-TABELLA 4

## L-INGRANAĠĠ TA' STRUMENTI TA' SELF IVVERIFIKATI (L-ISMIJIET TAL-FONDI QED JINŻAMMU ANONIMI)

| L-Istati Membri | Isem il-fond | Id-deskrizzjoni tal-prodott | Il-porzjon tal-ingranaġġ |
|---|---|---|---|
| **Il-fondi l-oħra** | | | |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Self G | Self bi prijorità fuq terminu ta' żmien twil lill-impriżi soċjali | 1,67 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Self H (żewġ operazzjonijiet) | Self bi prijorità (multisettorali) | 1,67 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Self I | Self bi prijorità (multisettorali) | 1,41 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Self B | Mikrokrediti, self żgħir | 1,33 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Self C | Mikroself (multisettorali) | 1,10 |
| il-Ġermanja | Il-Fond ta' Self A | Mikroself, Self | 1,00 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Self D | Self għall-SMEs | 1,00 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Self E | Self għall-WK (kapital li jdur) | 1,00 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Self F | Self għall-WK (kapital li jdur) | 1,00 |
| ir-Renju Unit | Il-Fond ta' Self J | Mikroself (multisettorali) | 1,00 |

*Nota*: Il-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ġew ikkalkolati abbażi tal-figuri trażmessi matul il-verifika mill-ġestjonarju tal-fond jew mill-Awtorità Ġestjonarja.

IT-TABELLA 5

## L-INGRANAĠĠ TAL-ISTRUMENTI TA' GARANZIJA VVERIFIKATI (L-ISMIJIET TAL-FONDI QED JINŻAMMU ANONIMI)

| L-Istati Membri | Isem il-fond | Id-deskrizzjoni tal-prodott | Il-porzjon tal-ingranaġġ |
|---|---|---|---|
| il-Portugall | Il-Fond ta' Garanzija B | Garanziji | 171,00 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Garanzija C | Garanziji | 114,00 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Garanzija D | Garanziji | 80,00 |
| il-Portugall | Il-Fond ta' Garanzija E | Kontrogaranziji | 11,00 |
| l-Ungerija | Il-Fond ta' Garanzija A | Garanziji | 4,16 |
| is-Slovakkja | Il-Fond ta' Garanzija F | Garanziji fuq l-ewwel telf mill-portafoll | - |

*Nota*: Il-proporzjonijiet tal-ingranaġġ ġew ikkalkolati abbażi tal-figuri trażmessi matul il-verifika mill-ġestjonarju tal-fond jew mill-Awtorità Ġestjonarja.

# IL-KONKLUŻJONIJIET U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IL-KWALITÀ TAL-VALUTAZZJONI TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT TAL-SMES

**116.** Ġeneralment, matul il-perjodu ta' programmar 2000–06, ma kienu jeżistu ebda valutazzjonijiet tad-diskrepanza.

**117.** Matul il-perjodu ta' programmar 2007–13, fejn kienu jeżistu, il-valutazzjonijiet tad-diskrepanza kollha tal-SMEs ikkonkludew li kien hemm bżonn ta' intervent mis-settur pubbliku f'diversi forom u d-diskrepanza finanzjarja tal-SMEs kienet ikkwantifikata. Iżda, fil-perjodu ta' programmar 2007–13, hemm nuqqasijiet sinifikanti fil-kwalità tal-valutazzjonijiet tad-diskrepanza. B'mod partikolari, ir-rabta kritika bejn l-allokazzjonijiet tal-programmi differenti u d-diskrepanza fil-finanzjament identifikata ma kinitx stabbilita.

**118.** Reviżjoni indipendenti tal-kwalità tal-valutazzjonijiet tad-diskrepanza u tal-proċess abbażi tagħhom ma saritx.

**IR-RAKKOMANDAZZJONI 1**

(a) Meta jipproponu miżuri tal-inġinerija finanzjarja, l-Awtoritajiet Ġestjonarji għandhom ikunu ċerti li l-proposta tagħhom hija debitament iġġustifikata minn valutazzjoni tad-diskrepanza tal-SMEs ta' kwalità suffiċjenti, inkluża analiżi kwantifikata tad-diskrepanza fil-finanzjament.

(b) Meta tapprova programmi operazzjonali inklużi miżuri tal-inġinerija finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-konsistenza tagħhom mal-valutazzjoni tad-diskrepanza tal-SME u tkun ċerta mill-kwalità ta' din tal-aħħar.

## KEMM HU XIERAQ IL-QAFAS TAL-FEŻR GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI

**119.** Ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, li oriġinarjament kienu mfassla għall-għotjiet, fihom erba' dgħufijiet sinifikanti, minħabba li dawn ma jindirizzawx l-ispeċifiċitajiet tal-istrumenti finanzjarji. Dawn id-dgħufijiet għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet insuffiċjenti għall-ingranaġġ u l-fondi li jistgħu jerggħu jintużaw, il-ġustifikazzjoni tal-allokazzjonijiet għall-inġinerija finanzjarja, il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-użu ta' trattament preferenzjali tas-settur privat u l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-kapital li jdur. Kien biss fi Frar 2011, erba' snin wara l-bidu tal-perjodu ta' programmar preżenti li l-Kummissjoni ħarġet nota ta' interpretazzjoni komprensiva u rilevanti dwar l-istrumenti finanzjarji (ara l-paragrafi 46 u 47).

**120.** Id-delegazzjoni tal-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji kofinanzjati lil għadd kbir ta' awtoritajiet pubbliċi tfisser li l-istess ammont ta' finanzjament FEŻR li teoretikament jista' jkun disponibbli għall-SMEs kollha fi Stat Membru taħt qafas wieħed ikollu jinfirex madwar għadd kbir ta' reġjuni tal-UE, u b'hekk jolqot il-massa kritika tal-fondi.

**121.** Fejn kienu jeżistu, sistemi xierqa ta' monitoraġġ u informazzjoni ma kinux armati tajjeb biżżejjed biex jinfurmaw dwar u jimmonitoraw ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi. Minkejja l-esperjenza tal-perjodu ta' programmar 2000–06, dan ostakola lill-Kummissjoni milli tirrapporta informazzjoni relevanti li kienet utli għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għall-partijiet interessati li jaħdmu fil-kuntest tal-politika ta' Koeżjoni.

### IR-RAKKOMANDAZZJONI 2

(a) Meta jfasslu proposti għar-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, il-Leġiżlatur u l-Kummissjoni għandhom jindirizzaw id-dgħufijiet speċifiċi differenti msemmija fir-Rapport (ara l-paragrafi 48 sa 77). B'mod aktar ġenerali, il-Leġiżlatur u l-Kummissjoni għandhom jistabbilixxu qafas regolatorju aktar xieraq ħalli t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-inġinerija finanzjarja ma jintlaqtux min-nuqqasijiet tal-qafas regolatorju tal-Fondi Strutturali, restrizzjonijiet ġeografiċi u effetti ta' tixrid.

(b) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u valutazzjoni affidabbli u teknikament robusta speċifika għall-istrumenti finanzjarji. Għalhekk, l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu segregati minn għotjiet fil-veru sens tal-kelma fil-proċessi ta' monitoraġġ, rappurtar u ta' verifika tal-Kummissjoni u l-ammont ta' flus imħallas lill-SMEs fir-realtà għandu jkun trasparenti (ara l-paragrafu 8). B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqblu fuq għadd żgħir ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu, rilevanti, speċifiċi u li jipproduċu riżultati uniformi għall-istrumenti finanzjarji.

## L-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI FIL-KISBA TAR-RIŻULTATI

**122.** L-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji għall-SMEs permezz tal-FEŻR hija milquta minn dewmien fuq firxa wiesgħa. Xi raġunijiet għad-dewmien matul il-perjodu ta' programmar 2000–06 reġgħu tfaċċaw fil-perjodu ta' programmar 2007–13.

**123.** Strumenti finanzjarji kofinanzjati mill-FEŻR kienu wkoll soġġetti għal effetti ta' tnaqqis fir-rigward ta' spejjeż tal-ġestjoni. B'mod partikolari, xi SMEs ġew iċċarġjati spejjeż addizzjonali li ma kinux ibbażati fuq ir-riskju meħud fuq l-SME u r-rappurtar tal-ispejjeż tal-ġestjoni mhux dejjem kien trasparenti.

**124.** Ħlief għall-garanziji, il-porzjonijiet tal-ingranaġġ hekk kif definiti mill-Qorti murija għall-fondi kofinanzjati mill-FEŻR kienu ta' kwalità fqira.

**IR-RAKKOMANDAZZJONI 3**

(a) Il-Kummissjoni għandha tesplora l-possibbiltà li tforni lill-Istati Membri bi strutturi u strumenti tal-inġinerija finanzjarja li huma kummerċjalment disponibbli għall-SMEs (eż. għotjiet bid-drittijiet tas-sid, mezzi ddedikati għall-investiment) sabiex titħaffef l-implimentazzjoni u titnaqqas l-ispiża tal-ġestjoni. Eżempji ta' strutturi bħal dawn ġew deskritti fl-***Anness III***.

(b) L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jimmiraw biex l-istrumenti finanzjarji kofinanzjati kollha tal-FEŻR għall-SMEs jiġu inklużi fi programm operazzjonali ewlieni għal kull Stat Membru. Dan kieku jirrazzjonalizza l-proċess ta' ppjanar u jelimina wieħed mill-fatturi prinċipali misjuba li jikkawża dewmien.

(c) Apparti milli tistabbilixxi l-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-ingranaġġ u r-riċiklaġġ fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali, il-Kummissjoni għandha, skont it-tip tal-fond tal-fondi jew fond, tindika porzjonijiet minimi ta' ingranaġġ li huma kuntrattwalment vinkolanti, perjodi minimi dwar l-użu mill-ġdid u *data* għall-kalkolazzjoni tal-indikaturi ta' ingranaġġ.

**IR-RAKKOMANDAZZJONI ĠENERALI**

Jekk ir-rakkomandazzjonijiet t'hawn fuq ma jistgħux jiġu implimentati skont il-qafas tal-politika tal-Koeżjoni, il-Qorti tistieden lil-Leġiżlatur u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw manjieri differenti dwar kif għandhom ikomplu jappoġġaw lill-SMEs permezz ta' strumenti tal-inġinerija finanzjarja. F'dan il-każ, strumenti bħal dawn għandhom jew ikunu appoġġati minn programmi ġestiti b'mod ċentrali mill-Kummissjoni, minn mezzi ddedikati għall-investiment b'koperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri jew mill-Istati Membri b'mod dirett.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu waqt il-laqgħa tagħha tal-11 ta' Jannar 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*il-President*

# L-IMPENJI U L-PAGAMENTI LILL-ISTRUMENTI TAL-INĠINERIJA FINANZJARJA

**2000–06**

| L-Istati Membri vverifikati | L-Impenji (*f'EUR miljun*) | % | Il-Pagamenti (*f'EUR miljun*) | % |
|---|---|---|---|---|
| il-Ġermanja | 204 | 13 | 170 | 11 |
| l-Ungerija | - | - | - | 0 |
| il-Portugall | 106 | 7 | 88 | 6 |
| is-Slovakkja | - | - | - | 0 |
| ir-Renju Unit | 433 | 27 | 410 | 27 |
| **It-Total** | **742** | **46** | **668** | **45** |
| **IT-TOTAL TAL-UE** | **1 596** | **100** | **1 497** | **100** |

**2007–13**

| L-Istati Membri vverifikati | L-Allokazzjonijiet (*f'EUR miljun*) | % | Il-Pagamenti (*f'EUR miljun*) | % |
|---|---|---|---|---|
| il-Ġermanja | 1 370 | 13 | 710 | 9 |
| l-Ungerija | 770 | 7 | 669 | 8 |
| il-Portugall | 292 | 3 | 233 | 3 |
| is-Slovakkja | 30 | 0 | 27 | 0 |
| ir-Renju Unit | 614 | 6 | 230 | 3 |
| **It-Total** | **3 075** | **30** | **1 868** | **24** |
| **IT-TOTAL TAL-UE** | **10 393** | **100** | **7 879** | **100** |

*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea (IDĠ Politika Reġjonali).

Rimarki:

- Is-somom tal-perċentwali jistgħu jkunu differenti minħabba fit-tqarrib għall-eqreb numru qabel il-punt deċimali.
- Għall-perjodu ta' programmar tal-2000-2006, id-destinatarji finali kienu SMEs esklussivament.
- Għall-perjodu ta' programmar tal-2007-2013, l-istrumenti finanzjarji jinkludu l-istrumenti għall-impriżi li ma jaqblux ma kif l-UE tiddefinixxi lill-SMEs, kif ukoll proġetti ta' żvilupp urban u proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija.
- Minn tal-inqas għall-perjodu ta' programmar tal-2007-2013, il-preċiżjoni tal-figuri hija soġġetta għal kawtela, minħabba li l-Istati Membri interpretaw ir-regoli tal-klassifika tal-allokazzjonijiet ħażin u setgħu inkludew forom oħra ta' finanzjament għajr l-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja.

## ĦARSA ĠENERALI SKEMATIKA TAL-KUNĊETT TAL-INGRANAĠĠ HEKK KIF INHU APPLIKAT GĦALL-ISTRUMENTI TA' EKWITÀ, SELF U GARANZIJI

### L-EKWITÀ




Rimarki:

- Din il-ħarsa ġenerali skematika qed tingħata għal skopijiet ta' illustrazzjoni biss.
- Il-kontribuzzjonijiet pubbliċi jikkorrispondu mal-finanzjament tal-programm operazzjonali.

## IS-SELF




Rimarki:

- Din il-ħarsa ġenerali skematika qed tingħata għal skopijiet ta' illustrazzjoni biss.
- Il-kontribuzzjonijiet pubbliċi jikkorrispondu mal-finanzjament tal-programm operazzjonali.

# IL-GARANZIJI




**Il-proporzjon tal-ingranaġġ:**

**Il-finanzjament disponibbli għall-SMEs: 120 M**
**Il-finanzjament tal-programm operazzjonali: 6 M**

**Il-Proporzjon tal-Ingranaġġ = 20**

Rimarki:

- Din il-ħarsa ġenerali skematika qed tingħata għal skopijiet ta' illustrazzjoni biss.
- Il-kontribuzzjonijiet pubbliċi jikkorrispondu mal-finanzjament tal-programm operazzjonali.

# EŻEMPJI TA' STRUMENTI U MEZZI LI HUMA KUMMERĊJALMENT DISPONIBBLI

## GĦOTJIET IMĦALLTA MAL-PAGAMENTI TAD-DRITTIJIET TAS-SID: L-EŻEMPJU TA' MOITAL, L-IŻRAEL

Fl-Iżrael, il-biċċa l-kbira mill-iskemi ta' għajnuna għall-SMEs (il-Fond R&Ż, l-Inkubaturi Teknoloġiċi, il-Heznek,…), anke jekk dawn jużaw għotjiet li ma jridux jitħallsu lura, jikkundizzjonaw il-pagament tal-għotja bl-impenn li l-SME benefiċjarja trid tħallas id-drittijiet tas-sid fil-każ li jkollha suċċess. Id-drittijiet tas-sid huma kkalkolati abbażi tal-bejgħ jew tal-profitti. Il-benefiċċju ta' għotjiet imħallta mad-drittijiet tas-sid huwa li huma anqas kumplessi mill-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja, filwaqt li jiffukaw fuq SMEs li għandhom il-potenzjal fir-riċerka u l-iżvilupp. Għal aktar informazzjoni ara http://www.moital.gov.il

## MEZZI DDEDIKATI GĦALL-INVESTIMENT

- **Il-Programm Ewropew għall-Irkupru**: il-PRE huwa fond nazzjonali dejjem fis-seħħ ġestit mill-KfW għall-benefiċċju tal-impriżi Ġermaniżi u waħda mill-karatteristiċi tiegħu hija li huwa jista' jerġa' jintuża. Għal aktar informazzjoni, ara http://www.bundesfinanzministerium.de

- **Il-Fond Iżraelit Yozma**: meta kien għadu fond tal-Istat, il-prinċipju tiegħu kien il-koinvestiment ta' fondi pubbliċi u fondi b'investituri privati taħt rekwiżit ta' proporzjon ta' ingranaġġ minimu ta' 2,5. Huwa investa f'negozji Iżraeliti li għadhom kemm jiftħu fis-setturi tat-tekonoloġija avvanzata. Karatteristika prinċipali ta' dan il-programm kienet li huwa ħoloq il-possibbiltà li kemm il-Gvern Iżraelit u kif ukoll l-investituri privati jaqsmu l-profitti *pari passu*. Minħabba li l-imsieħba tas-settur privat ingħataw għażla li jixtru sehem il-Gvern matul l-ewwel 5 snin bi prezz ta' LIBOR+1 flimkien mad-drittijiet tas-sid sal-aħħar tal-perjodu tal-finanzjament, sussegwentement il-Gvern seta' jinvesti dan ir-rikavat mill-ġdid f'fondi ġodda jew SMEs. Għall-Gvern Iżraelit, Yożma għamel profitt ta' USD 40 miljun. Għal aktar informazzjoni ara http://www.yozma.com/overview

- **Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress**: il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress tal-Kummissjoni ma tipprovdix finanzjament lill-SMEs b'mod dirett, imma tippermetti lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament fil-pajjiżi tal-UE jżidu s-self lill-SMEs. Dan isir permezz tal-ħruġ ta' garanziji lill-istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament biex b'hekk ir-riskju tagħhom jinqasam u billi jiżdidilhom il-volum tal-mikrokreditu tagħhom permezz ta' sturmenti ffinanzjati (jiġifieri self u ekwità). Għal aktar informazzjoni, ara http://ec.europa.eu/social

- **Il-Fond Ewropew għall-Ewropa tax-Xlokk (EFSE)**: l-attività prinċipali ta' investiment tal-EFSE hija l-finanzjament mill-ġdid ta' istituzzjonijiet msieħba ta' self magħżula fir-reġjun tal-Ewropa tax-Xlokk u fir-Reġjun tal-Viċinat tal-Ewropa tal-Lvant b'linji ta' kreditu li għandhom prijorità jew li huma subordinati, fejn il-mutwatarju jobbliga lilu nnifsu li jsellef il-fondi mislufa lill-gruppi mmirati finali, inklużi l-mikroimpriżi u l-impriżi ż-żgħar u djar privati bi dħul baxx. Sponserizzazzjoni kbira tikkaratterizza lil dan il-Fond, li jinkludi istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (eż. BEŻR, BEI, KfW, eċċ.), il-Kummissjoni, u kif ukoll istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati. Għal aktar informazzjoni ara http://www.efse.lu

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

### IV.

Il-fatt li l-istrumenti finanzjarji jiġu riċiklati huwa karatteristika li tista' ma tkunx preżenti fi strumenti finanzjarji implimentati taħt oqsma oħra ta' politika, li għalihom ir-riżorsi mgħoddija lura lejn l-istrumenti finanzjarji fl-aħħar tal-perjodu tal-investiment jew fl-istralċ għandhom ikunu rritornati lill-baġit tal-UE. Din il-karatteristika speċifika integrata fir-Regolamenti tal-Fondi[1] Strutturali se titkompla fil-futur[2].

### VII. (a)

Il-Kummissjoni taqbel fuq l-importanza li jingħata finanzjament għal strumenti finanzjarji li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet kif identifikati f'analiżi tan-nuqqasijiet.

L-osservazzjonijiet rilevanti mill-Qorti huma parzjalment koperti mill-proposta għar-Regolament tas-CSF COM (2011)662 finali.

### VII. (b)

Il-qafas regolatorju għall-perjodu 2007-2013 seta' ma kienx dettaljat biżżejjed biex jipprovdi l-ambjent meħtieġ għal żieda sinifikanti fl-għajnuna tal-politika ta' koeżjoni mogħtija permezz ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja.

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss iqisu l-esperjenza miksuba matul il-perjodi preċedenti, u jipprovdu qafas ta' implimentazzjoni dettaljat.

### VII. (c)

Dak id-dewmien kien fil-biċċa l-kbira tal-każijiet spjegat min-novità tal-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni u minn kwistjonijiet relatati mal-għajnuna mill-Istat. Strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-ERDF huma implimentati f'ġestjoni maqsuma. Wieġed irid sa ċertu punt jagħżel bejn l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà (l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-ġestjoni tagħhom fil-livell reġjonali mill-aktar qrib possibbli lejn ir-riċevituri finali u skont id-diversità tal-ħtiġijiet tagħhom) u l-implimentazzjoni aktar bil-mod.

[1] Fil-paragrafu 2.6 tar-Regola 8 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000, l-Artikolu 78(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1083/2006.

[2] Kif propost mill-Kummissjoni fl-Artikoli 38 u 39 tal-proposta tal-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-fondi taħt ġestjoni maqsuma għall-perjodu 2014-2020 (COM(2011) 615 tas-6.10.2011).

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**VIII. (a)**
Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni li hija koperta mill-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas tal-politika ta' koeżjoni l-ġdid[3].

Se jingħataw aktar dettalji dwar dan ir-rekwiżit fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

**VIII. (b)**
Għall-perjodu ta' programmar futur l-enfasi se titqiegħed fuq li jiġi żgurat li kull strument finanzjarju jkun "ibbażat fuq evalwazzjoni *ex-ante* li tidentifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-ħtiġijiet tal-investiment". Fl-approvazzjoni tal-programmi operattivi, l-enfasi se jitqiegħed fuq li jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet strateġiċi UE2020, l-identifikazzjoni/twettiq tal-kondizzjonalitajiet *ex-ante* u l-evalwazzjoni tar-raġuni għall-forma ta' appoġġ propost.

**VIII. (c)**
Meta wieħed iqis iż-żieda mistennija fl-importanza tal-istrumenti finanzjarji fil-ġejjieni, il-proposti tal-Kummissjoni għar-Regolamenti tas-CSF futuri jinkludu regoli aktar dettaljati u ċari dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji. Dawn ir-regoli jibnu fuq l-esperjenza akkumulata fil-perjodu attwali ta' pprogrammar u se jkunu deskritti f'aktar dettall fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

**VIII. (d)**
Il-Kummissjoni tilqa' din ir-Rakkomandazzjoni li hija diġà koperta fil-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas il-ġdid tal-politika ta' koeżjoni. Dawn il-proposti jinkludu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' strumenti finanzjarji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li diġà fil-perjodu ta' programmar attwali hija rnexxielha tiġbor informazzjoni importanti ta' monitoraġġ dwar strumenti finanzjarji eżistenti, u dan mingħajr l-obbligu legali fuq l-Istati Membri biex jipprovdu tali informazzjoni.

**VIII. (e)**
Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar strumenti standard li hija koperta fil-proposta għall-perjodu l-ġdid ta' programmar.

[3] L-Artikolu 32 tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2011) 615 li jesiġi li l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu "bbażati fuq evalwazzjoni *ex-ante* li tkun identifikat nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-ħtiġijiet tal-investiment".

**VIII. (f)**
Il-Kummissjoni tista' taqbel mal-għanijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Fil-proposti għal qafas ġdid tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni fetħet il-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu għal istrumenti fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, dawn jinkludu inċentivi fejn l-assi prijoritarju kollu jingħata permezz ta' strument finanzjarju[4].

Madankollu, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika tal-koeżjoni u l-azzjonijiet sottostanti (inklużi l-istrumenti finanzjarji) taħt il-ġestjoni maqsuma u mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali huma elementi fundamentali tal-politika ta' koeżjoni.

**VIII. (g)**
Fil-perjodu 2014-2020, il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-ingranaġġ u r-riċiklar se jiġu żviluppati fil-leġiżlazzjoni sekondarja, u se jiġu wkoll allinjati kemm jista' jkun mal-kunċetti użati għall-istrumenti kollha implimentati b'finanzjament tal-baġit tal-UE, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2011) 662 dwar "Il-pjattaformi tad-dejn u tal-ekwità tal-UE" u li se jiġi regolat ukoll fl-Att Delegat rigward it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju emendat. Madankollu, l-ilħiq ta' proporzjonijiet ta' ingranaġġ għolja għandu jiġi bbilanċjat mal-objettivi tal-politika pubblika tal-politika ta' koeżjoni.

**VIII. (h)**
Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti għat-titjib tal-qafas legali għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji bħala parti mill-politika ta' Koeżjoni. Bl-esperjenza miksuba fil-perjodi ta' programmazzjoni attwali u preċedenti u t-titjib tal-qafas regolatorju skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, il-Kummissjoni tqis li l-istrumenti finanzjarji għandhom ikomplu jintużaw bħala strumenti importanti għall-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, inkluż l-estensjoni possibbli tagħhom għal oqsma tematiċi ġodda, bħala mod aktar sostenibbli u effiċjenti kif jintużaw ir-riżorsi tal-UE biex jappoġġjaw l-objettivi tal-politika ta' Koeżjoni.

[4] L-Artikolu 110(5) tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2011) 615.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## INTRODUZZJONI

**8.**
F'Lulju 2011, l-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni b'*data* dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja fuq bażi volontarja.

L-emenda proposta fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali attwali u l-ġenerazzjoni li jmiss ta' dawn ir-regolamenti (2014-2020) se titlob lill-Istati Membri jipprovdu din it-tip ta' informazzjoni fuq bażi regolari.

**12.**
Il-Kummissjoni għandha kunċett differenti, fejn tkejjel l-effett multiplikatur tal-kontribuzzjoni tal-UE. Ara l-paragrafu 102 u r-risposta.[5]

## L-AMBITU U L-APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

**25.**
Il-"programmi ta' reputazzjoni internazzjonali tajba" identifikati mir-rapport għandhom limitazzjonijiet biex jintużaw bħala standards ta' riferiment għall-politika ta' koeżjoni tal-UE billi l-objettivi tal-istrumenti tal-politika tal-koeżjoni u l-qafas regolatorju għandhom speċifiċitajiet mhux preżenti fi programmi oħra.

## OSSERVAZZJONIJIET

**31.**
Il-Kummissjoni taqbel li ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali bħal dan fil-livell tal-ipprogrammar. Madankollu, fil-livell ta' kull strument ta' inġinerija finanzjarja hemm rekwiżit legali ta' valutazzjoni tan-nuqqasijiet. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni għandu jkun rifless fil-ftehim ta' finanzjament.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-2014/-2020, tinkludi r-rekwiżit li l-evalwazzjoni *ex-ante* għandha tkopri *inter alia* "r-raġuni għall-forma ta' appoġġ propost"

**34.**
Fiż-żmien tat-tħejjija tal-valutazzjonijiet tan-nuqqasijiet, il-biċċa l-kbira tal-programmi 2000-2006 kienu għadhom għaddejja.

[5] Kunċett bħal dan ġie espress fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill — Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi — il-pjattaformi tad-dejn u l-ekwità tal-UE, Sezzjoni 2.3.4 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2011) 662 tad-19.10.2011.

**38.**
Il-valutazzjonijiet tan-nuqqasijiet twettqu mill-FEI, il-korp tal-UE b'kompetenza speċjali u responsabbiltà fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-baġit tal-UE għall-intrapriżi, u għalhekk ma kienx meqjus li kienet meħtieġa valutazzjoni indipendenti.

**40.**
Il-Kummissjoni u l-FEI għamlu r-rapporti sħaħ disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati. L-awtoritajiet nazzjonali kienu ħielsa għal kollox li jippubblikaw ir-rapporti sħaħ u xi wħud minnhom għamlu dan[6].

**Risposta komuni għal 43.-44.**
Il-Kummissjoni tagħraf li r-Regolamenti tal-Fondi Strutturali attwali kif ukoll ir-Regolament Finanzjarju ma fihomx dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kapital ta' riskju, self u fondi ta' garanzija.

Madankollu, ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali proposti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 kif ukoll il-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju fihom dispożizzjonijiet dettaljati f'dak il-qasam.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni aċċertat ruħha li ż-żewġ settijiet ta' proposti huma koerenti ma' xulxin.

**46.**
Il-Kummissjoni għamlet sforzi sinifikanti biex itejjeb il-qafas ta' gwida għall-implimentazzjoni ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja fil-politika tal-koeżjoni. In-noti ta' gwida tal-Kummissjoni maħruġa fl-2007 u l-2008 indirizzaw il-kwistjonijiet li ġew identifikati dak iż-żmien bħala li jeħtieġu kjarifika speċifika. In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni maħruġa fi Frar 2011 (hija aktar komprensiva u tkopri firxa ferm usa' ta' kwistjonijiet li tqajmu mill-awtoritajiet nazzjonali u l-imsieħba kkonċernati bħala parti mill-proċess ta' twettiq ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja madwar il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u r-reġjuni.

[6] Http://ec.europa.eu/regional_policy/Archive/funds/2007/jjj/doc/pdf/jeremie_SME_access.pdf

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**47.**
Għalkemm in-noti ta' gwida tal-Kummissjoni ma jorbtux legalment, huma jipprovdu gwida teknika għall-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, il-professjonisti fil-qasam, il-benefiċjarji jew benefiċjarji potenzjali, u korpi oħra dwar kif jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam, fuq il-bażi tal-Liġi tal-UE applikabbli.

**47. l-ewwel inċiż**
Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fil-paragrafi rilevanti ta' hawn taħt.

**47. it-tieni inċiż**
Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fil-paragrafi rilevanti ta' hawn taħt.

**47. it-tielet inċiż**
Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fil-paragrafi rilevanti ta' hawn taħt.

**47. ir-raba'inċiż**
Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha fil-paragrafi rilevanti ta' hawn taħt.

**48.**
Għall-perjodu 2014-2020 il-Kummissjoni biħsiebha tintroduċi dispożizzjonijiet rigward ingranaġġ fil-qafas ta' implimentazzjoni, filwaqt li tiżgura biżżejjed flessibilità biex takkomoda l-karatteristiċi ta' kull prodott, kull nuqqas tas-suq li għandu jiġi indirizzat, il-benefiċjarji fil-mira u l-intermedjarji finanzjarji involuti.

Fir-rigward tad-"dispożizzjonijiet tar-riċiklar tal-finanzjament", dawn kienu żviluppati b'mod ċar fin-nota ta' gwida tal-Kummissjoni tal-2011[7]. Hemm referenzi għar-riċiklar fil-qafas legali tal-politika ta' koeżjoni[8].

Id-dettalji dwar kif u meta dan il-kunċett huwa applikabbli jvarjaw bejn it-tip tal-istrument finanzjarju u bejn ir-reġjuni (il-valutazzjoni tan-nuqqasijiet se turi l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-istrument finanzjarju speċifiku). Dawn id-dettalji għandhom għalhekk ikunu riflessi fil-ftehimiet tal-finanzjament.

**Risposta komuni għal 49.-50.**
Ir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali għall-perjodi 2000-06 u 2007-13 ippermettew l-użu mill-ġdid tar-riżorsi għal perjodu indefinit sakemm jispiċċaw. Madankollu, għall-perjodu 2014-2020, il-proposti tal-Kummissjoni jipprevedu perjodu minimu ta' 10 snin.

**51.**
Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjonijiet tal-Qorti. Għall-perjodu attwali, ir-Regolamenti jirrikjedu li riżorsi li jerġgħu jiġu rritornati lill-operazzjoni minn investimenti magħmula għandhom jerġgħu jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għall-benefiċċju tal-SMEs. Għall-perjodu 2014-2020 il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri għandu jkollhom dispożizzjonijiet biex jiżguraw in-natura riċiklabbli tal-istrumenti finanzjarji għal mill-inqas għaxar snin.

**52.**
Il-punt imqajjem matul verifika tad-DAS mill-Qorti ġie segwit. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-istralċ ġew sussegwentement emendati biex ikunu konsistenti mal-Artikolu 78(7) tar-Regolament 1083/2006.

**53.**
Taħt ġestjoni maqsuma u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni ma tissorveljax fid-dettall l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet individwali. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li operazzjonijiet individwali jiġu implimentati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli. Fl-2011, il-Kummissjoni żviluppat qafas ta' verifika maqsum mal-awtoritajiet ta' verifika tal-Istati Membri biex tivverifika l-implimentazzjoni korretta tal-istrumenti finanzjarji sal-għeluq tal-programmi.

[7] It-taqsimiet 5.2 u 9.2 u kif dawn jikkorrispondu għal obbligi legali taħt l-Artikolu 78(7) tar-Regolament 1083/2006 u l-Artikolu 43(3)(d) u l-Artikolu 44(2)(i) tar-Regolament 1828/2006.

[8] It-tieni paragrafu tal-Artikolu 78(7) tar-Regolament 1083/2006 dwar l-użu ta' riżorsi li jingħataw lura lill-operazzjoni minn investimenti mwettqa u L-Artikolu 43(3)(d) u l-Artikolu 44(2)(i) tar-Regolament 1828/2006 dwar id-dispożizzjonijiet fil-ftehim ta' finanzjament dwar l-użu mill-ġdid tar-riżorsi mogħtija lura.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**54.**
Il-holding fund jeħtieġ li jkollu ċerta likwidità biex jiżgura investimenti mingħajr intoppi f'intrapriżi. L-istrateġija ta' investiment u/jew pjan tan-negozju meħtieġ mir-regolamenti għandhom jagħtu stima tajba tal-fondi meħtieġa.

In-noti ta' gwida tal-Kummissjoni tal-2008 u l-2011 rrakkomandaw lill-Istati Membri jew lill-awtoritajiet tal-ġestjoni sabiex ikunu kawti rigward il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet f'fondi, jiġifieri billi jagħmlu dawn il-pagamenti f'fażijiet skont l-istrateġija tal-investiment u/jew pjan tan-negozju sottostanti.

Il-proposti tal-Kummissjoni għar-regolament 2014-2020 jipprovdu għal dixxiplina aktar stretta, u jimponu li l-ammonti mħallsin lill-FEIs ikunu effettivament investiti fir-riċevitur finali.

**55.**
Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha fil-paragrafu 31.

**56.**
Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha fil-paragrafu 54.

**58.**
Trattament preferenzjali tas-settur privat kif previst fir-regolamenti huwa fattur importanti sabiex jiġu attratti investituri privati biex jinvestu flimkien mal-fondi pubbliċi f'żoni ta' riskju għoli/ritorn baxx, u b'hekk isegwu l-għanijiet tal-politika pubblika.

L-għan globali huwa li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-swieq meta tiġi implimentata l-inġinerija finanzjarja permezz tal-fondi strutturali li jistgħu jeħtieġu aspetti mhux pari passu. L-istrumenti kollha mhux pari passu għandhom jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat infurzati mill-Kummissjoni.

**59.**
It-trattament preferenzjali jikkonċerna biss il-kisbiet u qligħ ieħor iġġenerat minn investimenti oħrajn, kif previst fir-Regolamenti[9].

[9] L-Artikolu 43(5) tar-Regolament 1828/2006 u l-paragrafu 2.6 tar-Regola 8 tar-Regolament 1685/2000.

**60.**
In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni[10] tikkunsidra li abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, l-investiment għandu jkun effettwat pari passu. Madankollu, arranġamenti differenti, suġġett għall-approvazzjoni ta' skema speċifika tal-għajnuna mill-Istat, huma wkoll possibbli.

Kull awtorità ta' ġestjoni għandha tieħu deċiżjoni politika intenzjonata, bħala parti mill-istrateġija tal-investiment u l-pjan tan-negozju, rigward il-grad tal-involviment tas-settur privat fl-indirizzar tal-għanijiet tal-politika pubblika u l-livell tal-fondi li jintirtu li mistennija li jinħolqu.

**61.**
Il-każijiet imsemmija mill-Qorti ma jistgħux jitqiesu bħala każijiet ta' trattament preferenzjali mhux ġustifikat tal-investituri privati. L-ewwel prijorità għall-allokazzjoni tar-riżorsi mgħoddija lura lill-fondi kienet il-ħlas tad-dejn eżistenti, bil-għan li jitnaqqsu l-obbligazzjonijiet tal-fondi (inkluż l-imgħax fuq id-dejn) u jiġu lliberati riżorsi għal investimenti ulterjuri.

**62.**
Klawsoli ta' restrizzjoni tar-rendiment huma konformi mar-regolamenti. It-trattament preferenzjali huwa fattur importanti sabiex jiġu attratti investituri privati biex jinvestu mal-fondi pubbliċi f'żoni ta' riskju għoli/ritorn baxx, u b'hekk isegwu l-għanijiet tal-politika pubblika.

**63.**
Il-Fondi Strutturali ma għandhomx jintużaw biss biex jiffinanzjaw attività tan-negozju normali għall-intrapriżi li ma jikkorrispondux għar-rekwiżiti ta' eliġibblità tar-Regolament[11]. Il-possibbiltà tal-finanzjament tal-kapital tax-xogħol bħala parti mill-espansjoni ta' attività tan-negozju diġà kienet prevista fin-nota tal-gwida tal-Kummissjoni tas-16.7.2007 u ġiet żviluppata ulterjorment fin-nota ta' gwida tal-Kummissjoni tal-21.2.2011 biex jiġi ċċarat aktar li huwa aċċettabbli l-finanzjament tal-kapital tax-xogħol fl-istadji bikrija, jew bħala parti mill-kapital tal-bidu għal intrapriżi ġodda.

[10] COCOF 10-0014004, il-paragrafi 8.1.7 u 8.1.8.

[11] L-Artikolu 45 tar-Regolament 1828/2006 preveda appoġġ għall-intrapriżi biss fl-istabbiliment tagħhom, fl-istadji bikrija, inkluż kapital tal-bidu, jew espansjoni.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**64.**
It-terminu "espansjoni" msemmi fir-regolament tal-Fondi Strutturali huwa skont l-approċċ u t-terminoloġija tal-leġiżlazzjoni tal-għajnuna mill-Istat[12].

**65.**
Il-gwida tal-Kummissjoni ġiet żviluppata ulterjorment fl-2011 biex tagħmilha ċara li l-finanzjament ta' kapital tax-xogħol fl-istadji bikrija, jew bħala parti mill-kapital tal-bidu għal intrapriżi ġodda jista' jiġi ffinanzjat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-osservazzjoni tal-awtorità Ungeriża tal-ġestjoni li kien diffiċli li l-kundizzjonijiet jiġu interpretati.

Il-Kummissjoni tqis li hija prassi tajba skont il-politika ta' koeżjoni li Stat Membru ma jiffinanzjax kapital operattiv taħt l-ERDF.

**66.**
It-territorjalità u massa kritika mhux suffiċjenti għandhom impatt fuq kemm ikun attraenti l-istrument finanzjarju u ċerti kundizzjonijiet finanzjarji (kost relattivament għoli tal-ġestjoni). Dawn l-elementi huma magħrufa a priori (fi pjan ta' negozju/strateġija) u għandhom jiġu mbagħad ivvalutati mill-awtorità amministrattiva.

**68.**
Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni kkwotat mill-Qorti jirreferi għal strument finanzjarju li jimplimenta l-Politika Intraprenditorjali. M'għandux għalhekk jitqabbel mal-Politika Reġjonali li għandha għanijiet differenti[13].

**69.**
Il-Kummissjoni tqis li l-eżempji msemmija mill-Qorti ma jistgħux jintużaw bħala kumparatur għal strumenti ta' inġinerija finanzjarja implimentati taħt il-politika ta' koeżjoni. Dawn il-każijiet ma jaqsmux l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni, kif espressi fit-Trattat[14].

[12] It-taqsima 4.3.2 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti f'kapital tar-riskju fl-SMEs (2006).

[13] L-għan tal-politika ta' koeżjoni huwa li jinħolqu opportunitajiet ġodda u jitnaqqsu l-lakuni fil-livelli tad-dħul bejn ir-reġjuni, filwaqt li l-għan tal-SMEFF huwa li jtejjeb il-kompetittività fil-livell Ewropew.

[14] Dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali l-għan li jitnaqqsu "*d-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard tar-reġjuni l-inqas vantaġġati*".

**71.**
Intlaħaq qbil dwar l-allokazzjonijiet tal-programm operattiv fl-2007. Dak iż-żmien f'ċerti reġjuni/pajjiżi l-valutazzjonijiet tan-nuqqasijiet u l-istrateġiji ma kinux jeżistu. Għal ħafna Stati Membri dan huwa l-ewwel tentattiv sabiex jiżviluppaw strumenti finanzjarji. Din hija r-raġuni għaliex ċertu massa kritika ma kenitx riżervata fil-programmi rilevanti.

**72.**
Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma li huwa meħtieġ għal holding fund li jkollu massa kritika iżda tikkunsidra li f'ċerti ċirkustanzi, huwa ġustifikat li jkun hemm fondi b'daqsijiet iżgħar biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni.

**Risposta komuni għal 75.-76.**
L-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-maniġers tal-fondi ddeċidew u aċċettaw li jimplimentaw dawn il-fondi fuq il-bażi tal-vijabbiltà potenzjali tagħhom.

**78.**
Taħt il-qafas ta' politika u legali applikabbli għall-Fondi Strutturali, l-approvazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-operazzjonijiet individwali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' ġestjoni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni trid tissodisfa ruħha li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll xierqa.

L-Istati Membri fittxew u l-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar id-dispożizzjonijiet tal-2007-2013 mhux biss fuq l-inġinerija finanzjarja, iżda wkoll fuq elementi importanti oħra ta' implimentazzjoni.

**79.**
Is-segwitu magħmul mill-istess verifika interna fl-2011 qies li l-pariri mogħtija mir-rapport imsemmi mill-Qorti kienu ġew indirizzati u għalhekk din il-kwistjoni tqieset magħluqa.

**80.**
L-unità tal-"inġinerija finanzjarja" stabbilita fi ħdan id-DĠ għall-Politika Reġjonali, għandha missjoni usa'.

**81.**
Wara r-Rapport ta' Verifika Interna, is-sitwazzjoni deskritta ġiet solvuta. Jiġifieri, ġiet provduta gwida komprensiva lill-Istati Membri, ġew intensifikati arranġamenti ta' ħidma ma' DĠs oħra u sar ukoll qsim ta' informazzjoni u taħriġ intern.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**82.**
Jekk jogħġbok, ara r-risposta tal-Kummissjoni għal paragrafu 78.

**88.**
Li jiġu stabbiliti strumenti ta' inġinerija finanzjarja taħt il-Fondi Strutturali kien jimplika kunċett kompletament ġdid għal xi Stati Membri, li kien jeħtieġ proċess ta' tagħlim. Fil-perjodu ta' programmar futur jew se jkomplu l-fondi diġà stabbiliti jew jistgħu jiġu stabbiliti fondi ġodda bbażati fuq mudelli proposti mill-Kummissjoni, element li huwa mistenni li jevita d-dewmien.

**90.**
Riżorsi mhux użati permezz tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja jistgħu jiġu riprogrammati għal forom oħra ta' assistenza.

**91.**
L-iffirmar tal-Ftehim tal-Holding Fund JEREMIE bejn il-FEI u l-Greċja għal ammont inizjali ta' EUR 100 miljun sar f'Ġunju 2007; filwaqt li l-ittra tan-nefqa relatata kienet iffirmata f'Ottubru 2008. F'Ġunju 2009, il-Greċja trasferiet l-ammont ta' EUR 100 miljun mill-fondi ERDF tal-UE lejn il-Fond JEREMIE, biex jiġu trasformati f'inġinerija finanzjarja biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fil-Greċja.

Fil-5 ta' Ottubru 2010, il-Greċja u l-FEI daħlu fi ftehim ta' finanzjament, li l-iskop tiegħu kien, *inter alia*, li jirriformula u jissostitwixxi l-Ftehim ta' finanzjament inizjali u l-ittra tan-nefqa, u jżid l-ammont rilevanti minn EUR 100 miljun għal EUR 250 miljun. Il-fondi addizzjonali ta' EUR 150 miljun trasferiti lejn il-Holding fund kmieni f'Novembru 2010 huma mmirati biex jappoġġjaw is-settur tal-ICT u proġetti relatati mal-ICT, qasam ta' importanza strateġika sinifikanti għall-Greċja sabiex titrawwem l-innovazzjoni u tittejjeb il-kompetittività tagħha.

**92.**
Il-ftehim tal-finanzjament li jimmarka l-bidu tal-fond ġie ffirmat f'Ottubru 2009 u wara dan saru l-ewwel ħlasijiet lill-holding fund.

**93.**
Id-dewmien fil-Polonja kien ukoll relatat ma' kwistjonijiet tal-qafas regolatorju nazzjonali, jiġifieri r-rekwiżit għall-benefiċjarji kollha (inklużi l-Holding Funds) li jipprovdu kollateral għall-ammont tal-finanzjament tal-ERDF riċevut biex jiggarantixxi twettiq tajjeb tal-kuntratt. Billi kien biss il-BGK, il-bank proprjetà tal-Istat, li ġie formalment eżentat minn dak ir-Regolament, il-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali kien jenħtieġlu jemenda din il-leġiżlazzjoni. Dan il-proċess, f'konsultazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi, ħa ammont konsiderevoli ta' żmien.

Madankollu, u b'mod parallel għal dan il-proċess, il-FEI ħadem mar-reġjuni dwar il-proposti tal-implimentazzjoni u nnegozja arranġamenti kuntrattwali.

**Risposta komuni għal 95.-98.**
In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni ta' 21/02/2011, ipprovdiet elementi rigward kunflitt possibbli bejn l-ispejjeż u l-ħlasijiet miżmuma lid-destinatarji finali u l-ispejjeż u ħlasijiet tal-ġestjoni ddikjarati lill-Kummissjoni bħala nfiq eliġibbli. Kull meta l-Kummissjoni sabet li kienu qed jintalbu ħlasijiet addizzjonali mill-SMEs, dawn ġew irranġati. Il-Kummissjoni ħarġet gwida addizzjonali biex tevita l-okkorenza ta' din is-sitwazzjoni.

**101.**
"Comparative Study of Venture Capital and Loan Funds Supported by the Structural Funds" tas-CSES 2007 jinkludi informazzjoni utli ħafna rigward l-ispejjeż tal-ġestjoni. L-istudju huwa disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/studies/pdf/2007_venture.pdf

**Ara wkoll it-tweġibiet għall-paragrafi 102. sa 103. u l-Kaxxa 5**
Il-Kummissjoni għandha kunċett differenti, fejn tkejjel l-effett multiplikatur tal-kontribuzzjoni tal-UE.

**Kaxxa 5**
Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2011) 662 finali, (sezzjoni 2.3.4) tenfasizza l-importanza ta' effett ta' ingranaġġ.

Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposti tagħha fil-paragrafu 104.

Il-Kummissjoni fformalizzat il-kunċett ta' "effett ta' multiplikatur" bil-għan li tarmonizza kunċetti u metodi tal-kalkolu varji li jkejlu l-ingranaġġ għal strumenti finanzjarji sostnuti mill-baġit tal-UE.

**104.**
Skont ir-Regolamenti applikabbli, obbligu ta' kofinanzjament tal-politika tal-Koeżjoni huwa stabbilit fil-livell tal-programm. Operazzjonijiet individwali (eż. fondi) jistgħu jkollhom jew ma jkollhomx kofinanzjament nazzjonali. Għalhekk il-Kummissjoni ma taqbilx mal-approċċ użat mill-Qorti biex tikkalkula l-ingranaġġ għall-ERDF.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**106.**
Jekk jogħġbok ara r-risposta għall-paragrafu 25. L-għanijiet ewlenin tal-politika ta' Koeżjoni kif espressi fit-Trattat huma l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u għandhom l-għan li jnaqqsu "d-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard tar-reġjuni l-inqas vantaġġati". Il-Kummissjoni tinnota li kumparaturi użati mill-Qorti ma jirriflettux primarjament dawn l-għanijiet.

**108.**
Billi l-istrumenti ta' ekwità ffinanzjati mill-ERDF kienu prinċipalment implimentati f'żoni assistiti u kellhom l-għan li jindirizzaw setturi ta' nuqqasijiet tas-suq, il-Kummissjoni tqis li l-proporzjon ta' ingranaġġ miksub kif imkejjel mill-Qorti huwa ferm pożittiv[15].

**109.**
L-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-effett multiplikatur kemm għall-fondi strutturali kif ukoll għall-ETF tqarreb il-proporzjonijiet lejn xulxin. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-ETF għandha limitazzjonijiet biex tintuża bħala kumparatur għal investimenti ta' kapital ta' riskju appoġġjati permezz tal-Fondi Strutturali.

**110.**
Jekk jogħġbok ara r-risposta għall-paragrafu 102.

**111.**
Jekk jogħġbok ara r-risposta għall-paragrafu 102.

**Risposta komuni għall-paragrafi 112. u 113.**
Mhuwiex xieraq li tqabbel l-SMEFF ma' strumenti ta' inġinerija finanzjarja implimentati taħt il-politika ta' koeżjoni.

L-SMEFF hija faċilità li tipprovdi lil-banek b'inċentivi finanzjarji biex jippromwovu s-self bankarju lill-SMEs. L-SMEFF ma kkofinanzjatx self, bħalma għamlu l-fondi ERDF koperti mir-rapport, għalhekk dawn mhumiex prodotti komparabbli.

Barra minn hekk, is-self iffinanzjat mill-ERDF huwa mmirat direttament lejn l-SMEs u huwa ffukat fuq fondi reġjonali, fejn l-investiment tas-settur privat għadu aktar diffiċli.

[15] "Il-Linji gwida Komunitarji dwar l-Għajnuna mill-Istat maħsuba biex tippromwovi l-Investimenti tal-Kapital tar-Riskju f'Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju" jiddefinixxu biċ-ċar il-każ għall-appoġġ pubbliku għal investimenti ta' kapital tar-riskju f'setturi fejn hemm nuqqas tas-suq. Waħda mill-kundizzjonijiet għall-kompatibbiltà tal-appoġġ pubbliku mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat hija li "*mill-inqas 50 % tal-finanzjament tal-investimenti magħmula skont miżura favur il-kapital ta' riskju jridu jkunu provduti minn investituri privati, jew mill-inqas 30 % fil-każ ta' miżuri mmirati lejn SMEs li jinsabu f'żoni megħjuna*".

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**116.**
Il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit dwar l-evalwazzjoni *ex-ante* tal-programm operattiv[16] isservi bħala valutazzjoni tan-nuqqasijiet għal strumenti ta' inġinerija finanzjarja bħala tip speċifiku ta' assistenza.

**117.**
Il-Kummissjoni taqbel fuq l-importanza li jingħata finanzjament għal strumenti finanzjarji li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet kif identifikati f'valutazzjoni tan-nuqqasijiet.

L-osservazzjonijiet rilevanti mill-Qorti huma parzjalment koperti mill-proposta għar-Regolament tas-CSF COM(2011)662 finali. Dispożizzjonijiet iktar eżawrjenti se jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

Il-valutazzjonijiet tan-nuqqasijiet għandhom ovvjament ikollhom livell adegwat ta' kwalità.

**118.**
Kull valutazzjoni tan-nuqqasijiet ġiet ipprovduta lill-Awtorità ta' Ġestjoni kkonċernata u lis-servizzi rispettivi tal-Kummissjoni biex jittieħed kont tagħha fl-ipprogrammar tar-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni u fl-identifikazzjoni u l-għażla tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati. Il-valutazzjonijiet tan-nuqqasijiet twettqu mill-FEI, l-entità tal-UE b'kompetenza u responsabbiltà speċjali għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-baġit tal-UE għall-intrapriżi permezz ta' strumenti finanzjarji.

**Rakkomandazzjoni 1 (a)**
Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni li hija koperta mill-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas tal-politika ta' koeżjoni l-ġdid[17].

Se jingħataw aktar dettalji dwar dan ir-rekwiżit fil-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.

[16] L-Artikolu 41 tar-Regolament 1260/1999 jesiġi li dik l-evalwazzjoni *ex-ante* tkopri *inter alia*: analiżi tal-punti ta' saħħa, tal-punti dgħajfa u tal-potenzjal tal-Istat Membru, ir-reġjun jew is-settur ikkonċernat; valutazzjoni tal-konsistenza bejn l-istrateġija u l-miri. Għandha tieħu kont tas-sitwazzjoni f'intrapriżi żgħar u medji.

[17] L-Artikolu 32 tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2011) 615 li jesiġi li l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu "bbażati fuq evalwazzjoni *ex-ante* li tkun identifikat nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-ħtiġijiet tal-investiment".

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**Rakkomandazzjoni 1 (b)**
Għall-perjodu ta' programmar futur l-enfasi se titqiegħed fuq li jiġi żgurat li kull strument finanzjarju jkun "ibbażat fuq evalwazzjoni *ex-ante* li tidentifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u l-ħtiġijiet tal-investiment". Fl-approvazzjoni tal-programmi operattivi, l-enfasi se titqiegħed fuq li jiġi żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet strateġiċi UE 2020, l-identifikazzjoni/twettiq tal-kondizzjonalitajiet *ex-ante* u l-evalwazzjoni tar-raġunijiet għall-appoġġ propost.

**119.**
Il-qafas regolatorju għall-perjodu 2007-2013 seta' ma kienx dettaljat biżżejjed biex jipprovdi l-ambjent meħtieġ għal żieda sinifikanti fl-għajnuna tal-politika ta' koeżjoni mogħtija permezz ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja.

In-noti ta' gwida tal-Kummissjoni pprovduti fl-2007 u l-2008 ppruvaw isolvu l-oqsma possibbli ta' nuqqas ta' ċarezza perċepit li ġew identifikati dak iż-żmien. In-nota tal-Kummissjoni ta' Frar 2011 ipprovdiet gwida aktar komprensiva u rilevanti, ibbażata fuq l-esperjenza akkumulata fl-implimentazzjoni tal-fondi matul is-snin preċedenti.

Il-proposti tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmar li jmiss iqisu l-esperjenza miksuba matul il-perjodi preċedenti, u jipprovdu qafas ta' implimentazzjoni dettaljat.

**120.**
Il-programmi tal-politika tal-koeżjoni huma implimentati taħt il-ġestjoni maqsuma mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali. Dan huwa element fundamentali, kompletament konsistenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Anke jekk għall-futur il-proposti tal-Kummissjoni għar-regolamenti tas-CSF jiftħu l-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jikkontribwixxu għal strumenti fil-livell tal-UE b'riżorsi tal-politika ta' koeżjoni, li jkunu mwarrba għal investimenti f'konformità mal-għanijiet speċifiċi tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali għandhom dejjem ikollhom l-għażla ta' strumenti implimentattivi fil-livell nazzjonali jew reġjonali, maħsuba biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

**121.**
Il-qafas ta' politika u legali applikabbli għall-Fondi Strutturali huwa tali li l-approvazzjoni, monitoraġġ u kontroll tal-operazzjonijiet individwali jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' awtoritajiet tal-ġestjoni[18]. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni trid tissodisfa ruħha li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll xierqa.

Il-Kummissjoni tenfasizza li, minkejja n-nuqqas ta' bażi legali, matul l-2011 hija wettqet ġbir estensiv ta' informazzjoni dwar l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja eżistenti, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-ġestjoni fuq bażi volontarja.

**Rakkomandazzjoni 2 (a)**
Meta wieħed iqis iż-żieda mistennija fl-importanza tal-istrumenti finanzjarji fil-ġejjieni, il-proposti tal-Kummissjoni għar-regolamenti futuri tas-CSF jinkludu regoli aktar dettaljati u ċari dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji. Dawn ir-regoli jibnu fuq l-esperjenza akkumulata fil-perjodu attwali ta' pprogrammar u se jkomplu jiġu espanduti fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

**Rakkomandazzjoni 2 (b)**
Il-Kummissjoni tilqa' din ir-rakkomandazzjoni li hija diġà koperta fil-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas il-ġdid tal-Politika ta' Koeżjoni. Dawn il-proposti jinkludu wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' strumenti finanzjarji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li diġà fil-perjodu ta' pprogrammar attwali hija rnexxielha tiġbor informazzjoni importanti tal-monitoraġġ dwar strumenti finanzjarji eżistenti, u dan mingħajr ebda bażi legali biex tagħmel hekk.

[18] Konsistentement mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-Artikoli 60 u 72 tar-Regolament 1083/2006 jiddikjaraw b'mod ċar il-qsim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet tal-ġestjoni u l-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 sa 10 u 12 sa 26 tar-Regolament 1828/2006 b'mod ċar jiddikjaraw il-miżuri tal-informazzjoni u sistemi ta' ġestjoni u kontroll li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jridu jkunu stabbilixxew.

# IR-RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**122.**
Dak id-dewmien kien fil-biċċa l-kbira tal-każijiet spjegat min-novità tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u kwistjonijiet relatati mal-għajnuna mill-Istat. Madankollu, kif muri mill-eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni mwettaq fl-2011, bħala medja, ir-rata ta' progress fl-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja mhijiex inqas mir-rata ta' implimentazzjoni ta' azzjonijiet oħra ffinanzjati permezz tal-politika tal-koeżjoni.

Huwa mistenni li fil-perjodu ta' programmar li jmiss, l-iżvilupp ta' strumenti "standard" se jikkontribwixxi biex id-dewmien jitnaqqas ħafna.

**123.**
In-nota ta' gwida tal-Kummissjoni ta' Frar 2011, ipprovdiet elementi rigward kunflitt possibbli bejn l-ispejjeż u l-miżati mitluba lid-destinatarji finali u l- ispejjeż u miżati tal-ġestjoni ddikjarati lill-Kummissjoni bħala nfiq eliġibbli. Kull meta l-Kummissjoni sabet li kienu qed jintalbu ħlasijiet addizzjonali mill-SMEs, dawn ġew irranġati. Il-Kummissjoni ħarġet gwida addizzjonali biex tevita l-okkorenza ta' din is-sitwazzjoni.

**124.**
Jekk jogħġbok ara r-risposta għall-paragrafu 102. Il-Kummissjoni tqis li l-kumparaturi stabbiliti mill-Qorti ma jirriflettux il-livelli differenti ta' intervent għal tipi differenti ta' fondi, implimentati taħt kundizzjonijiet tas-suq differenti u b'benefiċjarji mmirati u għanijiet differenti minn dawk implimentati taħt il-politika ta' koeżjoni.

## Rakkomandazzjoni 3 (a)

Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar strumenti standard li hija koperta fil-proposta għall-perjodu l-ġdid ta' programmar.

## Rakkomandazzjoni 3 (b)

Il-Kummissjoni tista' taqbel mal-għanijiet ta' din ir-rakkomandazzjoni. Fil-proposti għal qafas ġdid tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni fetħet il-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu għal strumenti fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, dawn jinkludu inċentivi fejn l-assi prijoritarju kollu jingħata permezz ta' strument finanzjarju[19].

Madankollu, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika tal-koeżjoni u l-azzjonijiet sottostanti (inklużi l-istrumenti finanzjarji) taħt il-ġestjoni maqsuma u mill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali huma elementi fundamentali tal-politika ta' koeżjoni.

[19] L-Artikolu 110(5) tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 615.

## Rakkomandazzjoni 3 (c)

Fil-perjodu 2014-2020, il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-ingranaġġ u riċiklar se jiġu żviluppati fil-leġiżlazzjoni sekondarja, li se tiġi wkoll allinjata kemm jista' jkun mal-kunċetti użati għall-istrumenti kollha implimentati ma' finanzjament tal-baġit tal-UE, kif previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011) 662 dwar "il-pjattaformi tad-dejn u tal-ekwità tal-UE u li se jiġi regolat ukoll fl-Att Delegat rigward Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju emendat. Madankollu, l-ilħiq ta' proporzjonijiet ta' ingranaġġ għolja għandhom jiġu bbilanċjati mal-objettivi tal-politika pubblika tal-politika ta' koeżjoni.

## Rakkommandazzjoni Ġenerali

Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti għat-titjib tal-qafas legali għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji bħala parti mill-politika ta' Koeżjoni. B'esperjenza mibnija fil-perjodi ta' programmazzjoni kurrenti u ta' qabel u bit-titjib tal-qafas regolatorju skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti l-Kummissjoni tqis li l-istrumenti finanzjarji għandhom ikomplu jintużaw bħala strumenti importanti għall-implimentazzjoni tal-politika ta' Koeżjoni, inkluż l-estensjoni possibbli tagħhom għal oqsma tematiċi ġodda, bħala mod aktar sostenibbli u effiċjenti kif ir-riżorsi tal-UE jiġu applikati biex jappoġġjaw l-għanijiet tal-politika ta' Koeżjoni.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2012**
**L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2012 — 60 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9237-496-9
doi:10.2865/61468

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (http://ec.europa.eu) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-11-016-MT-C

L-INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU HUMA S-SINSLA TAL-EKONOMIJA TAL-UE U JIĠĠENERAW IMPJIEGI, INNOVAZZJONI U RIKKEZZA. IL-QORTI VVERIFIKAT IL-PRESTAZZJONI TAL-ISTRUMENTI FINANZJARJI TAL-POLITIKA TAL-KOEŻJONI LI JIFFAĊILITAWLHOM L-AĊĊESS GĦALL-FINANZJAMENT. IL-QORTI SABET LI L-EFFETTIVITÀ U L-EFFIĊJENZA TA' DAWN L-ISTRUMENTI ĠEW OSTAKOLATI B'NUQQASIJIET IMPORTANTI, PRINĊIPALMENT MINĦABBA N-NUQQAS TA' ADEGWATEZZA TAR-REGOLAMENTI TAL-FONDI STRUTTURALI PREŻENTI, IL-KWALITÀ INSUFFIĊJENTI TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-BŻONNIJIET U DEWMIEN FUQ FIRXA WIESGĦA TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAGĦHOM. FL-AĦĦAR NETT, IL-KAPAĊITÀ TA' INGRANAĠĠ F'INVESTIMENTI PRIVATI KIENET FQIRA META MQABBLA MA' PROGRAMMI OĦRAJN GĦALL-SMEs.

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

ISBN 978-92-9237-496-9

9 789292 374969

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet